# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

JANNAR 2003 • IT-23 SENA • GĦADD 226 • NEWSPAPER POST



## Marija Omm Alla


















# Werrej


**3** **Marija: Sultana tal-Paċi u tal-Familja**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

**4** **X'jismu Alla?**
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

**6** **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**8** **Il-Knisja Anglikana u San Franġisk**
*minn Br Mario Attard OFMCap - Djaknu*

**10** **L-istorja ta' Amon**
*minn P. Silvestru Bonavia OFMCap*

**11** **Jiktbilna P. Taddew Schembri mill-Etjopja**

**12** **Tifkira ta' P. Publju Cassar OFMCap**
*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*

**15** **Tislima lil Verġni Mqaddsa Marija**

**16** **Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (1)**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

**18** **Jum il-Karità 2003**

**19** **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**20** **Kuba u l-istorja tagħha (13) Il-Proġett Varela (2)**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

**22** **Aħbarijiet mill-Kenja**

**23** **Aħbarijiet Kapuċċini**

**24** **Altruwiżmu fit-Talb**
*minn P. Frans Abela OFMCap*

**25** **Ix-xogħol**
*minn Elaine Agius GiFra*

**26** **L-ommijiet jifhmu lil xulxin**
*minn Mons. Frans Baldacchino OFMCap*

**28** **Nixtieq nerġa' narak, Frankie**
*minn Lina Brockdorff OFS*

**30** **Ejja għax ġie l-Mulej**
*minn Profs. Oliver Friggieri*

**30** **Tisliba** *minn P. Wistin Attard OFMCap*

**31** **L-istorja Vokazzjonali ta' Carmelo**
*minn Carmelo Aquilina - Post. Cap.*









DAWL FRANĠISKAN

**JANNAR 2003**
**It-23 sena • Għadd 226**




**Qoxra 1:**
***Rucellai Madonna***
***Duccio, Uffizi, Firenze***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland ofs
Ruth Delia gi.fra.
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jigu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

EDITORJAL

minn P. Joe Alessandro OFMCap

# MARIJA SULTANA TAL-PAĊI U TAL-FAMILJA

Il-bidu ta' kull sena, eżattament l-ewwel jum ta' Jannar, taħbat il-festa, antika ħafna fil-Knisja, iddedikata lil Marija bħala Omm Alla.

Din is-sena, din il-festa tieħu tifsira partikulari peress li l-Papa Ġwanni Pawlu II, f'Ottubru li għadda, iddedika sena sħiħa, minn Ottubru 2002 sa Ottubru 2003, lil Ommna Marija bħala sena tar-rużarju. Il-Madonna, fit-talba tar-rużarju tgħinna nimmeditaw il-wiċċ ta' Kristu kif għamlet hi. Biex ikompli jħeġġeġ id-devozzjoni lejn it-talba tar-rużarju, il-Papa ħabbar ukoll li żdiedu ħames misteri oħra mal-ħmistax ta' qabel - dawn huma msejħin il-Misteri tad-Dawl.



*Marija Omm Alla – Ikona Biżantina*

Dawn il-misteri humiex ġodda għal kollox. Kien il-Beatu Ġorġ Preca li snin ilu kien issuġġeriehom lill-membri tas-Soċjetà tat-Tagħlim Nisrani - il-Museum - sabiex jitolbu bihom.

Dawn il-misteri tad-dawl jitkellmu minn mumenti qawwijin fil-ħajja ta' Ġesù:

1. il-magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni l-Battista fix-xmara Ġordan
2. il-manifestazzjoni tad-divinità tiegħu fit-tieġ ta' Kana
3. it-tħabbira tas-Saltna ta' Alla u s-sejħa għall-indiema
4. it-Trasfigurazzjoni fuq il-muntanja Tabor
5. it-twaqqif tas-sagrament ta' l-Ewkaristija fl-Aħħar Ikla

Il-Papa, fl-Ittra Appostolika *ROSARIUM VIRGINIS MARIAE* -Ir-Rużarju tal-Verġni Marija - li ħareġ fis-16 ta' Ottubru 2002, jagħtina tagħlim u riflessjonijiet fuq it-talba tar-rużarju u jipproponih bħala talba għall-paċi u għall-familja.

Permez tar-rużarju aħna nikkontemplaw flimkien ma' Marija l-misteru ta' binha Ġesù. Hekk kif Marija mxiet pass pass ma' binha sakemm fl-aħħar daħlet miegħu fis-sema minfejn tidħol għalina, hekk ukoll aħna, permezz tat-talba tar-rużarju nimxu magħha wara binha Ġesù sa l-aħħar. Din hija stedina biex niskopru mill-ġdid is-sbuħija u l-qawwa tar-rużarju, u nitolbu bih fid-djar u l-familji tagħna, ħalli Ġesù, flimkien ma' Marija jsaltnu fil-familji tagħna.

Għal dan il-għan il-qxur ta' quddiem tal-ħarġiet ta' din ir-rivista għal din is-sena ser ikunu ddedikati f'rabta ma' Marija u mal-misteri tad-dawl.

**Nawguraw sena tajba mimlija paċi lilkom u lill-familji tagħkom ilkoll.** ❑

minn P. Donat Spiteri OFMCap

# X'jismu Alla?

***Fil-Ktieb ta' l-Eżodu naqraw li Alla rrivela ismu lil Mosè, meta qallu: "Jien li jien" (Eż 3, 14). Bil-Lhudi, JAĦWEH, jew kif jgħidu xi wħud, ĠEĦOVA. Dan hu tassew l-isem ta' Alla jew hu isem simboliku?***

Alla hu "alla", kif insejħulu aħna bil-Malti. Kull ġens għandu xi kelma għal Alla taqbel ma' din tagħna fl-ilsien li bih jitkellem. Biha kulħadd ifisser lil dak li huwa jqim, veru jew falz, bħala l-aqwa, l-ogħla, l-eqdes u l-aħjar.

Alla tagħna li fih nemmnu, fih innifsu m'għandux isem. L-isem hu dak li jfisser u jiddeskrivi l-oġġett jew il-persuna. Imma lil Alla min jista' jiddeskrivih? Min jista' jifhmu? Min jista' jagħrfu sewwa? (Rum 11, 33).

Madankollu Alla tal-Bibbja jingħata ismijiet li bihom kien magħruf mill-Iżraelin fi żmienhom u li bihom kienu jsejħulu. Fil-biċċa l-kbira minnhom kienu ismijiet ta' l-allat tal-ġnus pagani ta' żmienhom u ta' madwarhom.



***Alla taħt forma ta' bniedem ikellem lil Mosè – Pittura ta' Raffaello.***
***Fil-paġna l-oħra jidher partikular minn "stained glass" fil-Katidral ta' Winchester bl-ittri JHWH (Jaħweh) imdawrin bl-istilla ta' David.***

*EL*, fil-forma tal-plural *Elohim*, hu l-isem għal Alla jew allat fl-ilsna Semitiċi kollha. Imma Alla tal-Bibbja, Alla l-veru, hu "Alla ta' l-allat", 'l fuq mill-allat kollha (Salm 50, 1). *El-Xaddaj*, "Alla li jista' kollox"; *El-gheljon*, "Alla l-Għoli"; *El-gholam*, "Alla ta' dejjem"; *El-gibbor*, "Alla setgħan, qalbieni u b'saħħtu". Hemm ukoll it-titlu ta' Alla, *Adon*, "Sid", ġeneralment *Adonaj*, "Sidi"; dan hu isem li jfisser aktar is-sovranità ta' Alla bħala Sultan. Dawn u xi oħrajn l-Iżraelin ħaduhom mingħand il-ġirien pagani tagħhom u applikawhom għal Alla tagħhom.

Imma l-isem, biex ngħidulu hekk, ta' Alla ta' Iżrael kien *Jaħweh*. B'dan l-isem Alla jissemma għal xi 6,823 darba fil-paġni tat-Testment il-Qadim. L-ebda alla ta' xi poplu ieħor ma ssejjaħ qatt b'dan l-isem. *Jaħweh* hu l-isem li bih Alla rrivela ruħu lil Mosè u li bih urieh min hu u xi jfisser għal Iżrael.

Meta Mosè staqsa lil Alla,"X'jismu?", Alla wieġbu: "Jien li jien"; u kompla jgħidlu: "Hekk għidilhom lil ulied Iżrael, Jiena-Hu bagħatni għandkom" (Eż 3, 13-15). Fit-test Lhudi naqraw *eħjeh-Jaħweh*. Hu miżmum li din il-kelma ġejja mill-verb *ħawah (ħajah)*, fil-forma ta' l-imperfett; l-ewwel waħda fl-ewwel persuna u l-oħra fit-tielet persuna. Il-kelma dejjem tfisser li Alla hu dak li hu fih innifsu; kif ukoll dak li jagħti l-ħajja, li joħloq. Għalhekk din il-kelma ta' l-isem ta' Alla fiha rivelazzjoni kbira. Għall-Iżraelin, li kienu fil-jasar ta' bla tama, din ir-rivelazzjoni kellha timliehom bil-kuraġġ u t-tama. Alla ta' missirijiethom, Alla tagħhom hu *Jaħweh* - Dak Il hu. Hu Alla ħaj u Il jagħti l-ħajja; ma kienx bħall-allat ta' l-Eġizjani, allat mejtin u bla ħajja.

B'dan l-isem il-Lhud kienu jiddistingwu lil Alla tagħhom mill-allat tal-popli ġirien tagħhom. *Jaħweh*, Alla ta' Iżrael, hu waħdu Alla l-veru, għax hu waħdu Alla l-ħaj, l-awtur tal-ħajja, li ħalaq is-sema u l-art. "Jiena, il-Mulej (*Jaħweh*), jiena l-ewwel u ma' ta' l-aħħar, jien hu!" (Is 41, 4).

Dwar il-pronunzja ta' din il-kelma ta' l-isem ta' Alla rridu niftakru li bil-Lhudi tinkiteb biss bl-erba' konsonanti tagħha mingħajr vokali: *JHWH (tetragrammaton)*. Il-Lhud ta' żmien il-Ġudaiżmu ħaduh b'serjetà kbira t-tielet kmandament: "La ssemmix l-isem tal-Mulej" (Eż 20, 7). Ma ridux isemmuh lanqas huma u jaqrawh fil-Bibbja. Għalhekk, meta daħħlu s-sinjali tal-vokali fit-test konsonantiku, ma' l-erba' konsonanti ta' l-isem ta' Alla żiedu l-vokali tal-kelma *Adonaj* (a-o-a) bejn l-ittri *JHWH* biex, huma u jaqraw, din il-kelma sagra ma jsemmuhiex iżda flokha jgħidu *Adonaj* (Sid, Sidi).

Minn hawn ġiet il-kelma *Geħova (Jehovah)* f'xi Bibbji antiki bl-Ingliż u sa llum ukoll fin-*New World Translation*

*of the Holy Scriptures* (*Watchtower Bible*, 1970 - Din hi l-Bibbja tax-Xhieda ta' *Geħova*). Illum din il-pronunzja mhijiex aċċettata aktar. Skond l-aħħar riżultati ta' l-istudji, il-pronunzja probabbli ta' l-isem ta' Alla hi *Jaħweh*.



Fit-traduzzjoni Griega tas-LXX dan l-isem hu mfisser bil-kelma *kyrios*. Bl-istess kelma hu mfisser ukoll it-titlu l-ieħor ta' Alla, *Adonaj*. Il-kelma Griega toħloq ftit konfużjoni fit-testi fejn iż-żewġ kelmiet bil-Lhudi qegħdin flimkien, bħal fis-Salm 8, 1 (*Jaħweh Adonenu*) u fis-Salmi 110, 1 (*Ne'um Jaħweh le Adonai*). Fil-Latin ukoll iż-żewġ kelmiet huma tradotti bl-istess kelma *Dominus*. L-istess fit-traduzzjonijiet Ingliżi għaż-żewġ kelmiet hemm il-kelma waħda *Lord*: *"O Lord, our Lord"*; *"The Lord says to my Lord"* (RSV, NEB, NAB). Biex tkun aktar eżatta mat-test, *The New Jerusalem Bible* (NJB) żammet il-kelma oriġinali *Jaħweh*.

Fil-Malti, aħna aktar ixxurtjati għax għandna żewġ kelmiet li t-tnejn jittraduċu tajjeb iż-żewġ kelmiet tat-test Lhudi u jżommu sewwa d-differenza ta' bejniethom: Il-Mulej għal *Jaħweh*, u Sid għal *Adonaj*. Hekk nittraduċu sewwa ħafna:

***"Il-kelma tal-Mulej lil Sidi: Oqgħod fuq leminti" (Salm 110).***

***"Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!" (Salm 8).***

**INWIEĠBU:** Tiltaqa' ma' diffikultà, int u taqra l-Bibbja? Xi kelma li tkun tixtieq tifhimha aħjar? Iktbilna, u nweġbuk: *Inwieġbu, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana. VLT 14*

# Kliem il-Ħajja

Id-Direzzjoni ta' KLIEM IL-ĦAJJA qed toffri lill-qarrejja, għal matul din is-sena l-ġdida 2003, l-istorja tas-salvazzjoni permezz ta' bosta personaġġi bibliċi li l-fidi tagħhom tispikka fil-paġni tal-Kotba Mqaddsa. Dawn il-personaġġi bibliċi kollha jindirizzawna għall-persuna ta' Ġesù Kristu, li fih u bih intemmu l-wegħdiet kollha ta' Alla magħmula lil dawn il-persuni li ssemmi l-Bibbja. Fil-ħarġa ta' Jannar-April 2003 insibu lil Abraham, Iżakk, Ġakobb, Ġużeppi u Mosè.

KLIEM IL-ĦAJJA hija pubblikazzjoni tal-Franġiskani Kapuċċini u P. Donat Spiteri OFMCap huwa d-Direttur Ġenerali. L-issettjar ta' kull paġna huwa b'żewġ kuluri u attraenti ħafna għall-għajn.

L-abbonament għal sena - tliet ħarġiet - huwa ta' Lm1 biss. L-editur: Fr Martin Micallef OFMCap, Uffiċċju Kliem il-Ħajja, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14.



minn P. William Axiaq OFMCap




***Se npoġġi quddiem għajnejkom ftit riflessjonijiet. Jgħinuna biex nikbru iżjed f'ħajjitna. Din tgħaddi dejjem 'il quddiem daqskemm tagħraf tieqaf fuq dak li jiġri madwarha u titgħallem minnu.***

## 1 RAĠUNIJIET SOĊJALI U ABORT

L-ABORT isir minħabba diversi raġunijiet. Jeżistu raġunijiet mediċi bħal meta jkun maħsub li t-tarbija ser tagħmel ħsara lis-saħħa ta' l-omm jew ser tkun ta' periklu gravi għaliha. Mhux kull omm li ssib ruħha f'din is-sitwazzjoni ġġib ruħha bħalma ġabet ruħha l-Beata Gianna Beretta Molla!



Jeżistu wkoll raġunijiet ewġeniċi li minħabba fihom isir l-abort. Meta jkun mistenni li t-tarbija ser tkun nieqsa mis-saħħa, jew ġejja fiżikament diżabilitata jew mentalment inkapaċitata, ċerti ommijiet jew tfajliet jew għarajjes nisa jippreferu jagħmlu l-abort.

Hemm ukoll raġunijiet ġenetiċi. Meta l-ġenituri jsiru jafu, mill-aħħar żviluppi ġenetiċi dwar id-deċifrazzjoni u l-mappatura tad-DNA li x-xjenzjati waslu għalihom dan l-aħħar, li tarbija tnisslet omosesswali jew lesbika, joptaw għall-abort tagħha.

Imma fil-ħajja hawn nisa li jagħmlu l-abort minħabba raġunijiet soċjali. Dan jiġri meta t-tarbija ma tkunx mixtieqa jew ippjanata. Billi jekk din titħalla titwieled ser tkun ta' piż għall-omm jew għall-familja, l-omm tiddeċiedi favur l-abort. Din is-sitwazzjoni sseħħ ħafna drabi meta l-omm ma tkunx miżżewġa jew it-tarbija tkun frott ta' adulterju, jew meta mara armla tinqabad b'tarbija u tibda tqis il-konsegwenzi li ser jiġu fuqha la n-nies ikunu jafu x'għamlet, iżjed u iżjed jekk tkun inqabdet b'tarbija immedjatament wara l-mewt ta' żewġha.

L-abort qed jiżdied minħabba raġunijiet soċjali kontinwament għar-raġuni li hawn ħafna abbużi sesswali bla xaba', tentazzjonijiet u ġiri u permissività; hawn ħafna diskors perikoluż u diskussjonijiet jaħarqu dwar jekk iċ-ċellula, l-embrijon u l-fetu għandhomx jitqisu persuna jew le, waqt li oħrajn isostnu li fil-bidu tat-tnissil ma jkun hemm l-ebda ħjiel ta' bniedem ġdid.

***Mulej, agħmel li, bħala mara jekk niżbalja u ninqabad b'tarbija, inkun kapaċi naċċettaha u ma nkomplix nikkomplika s-sitwazzjoni tiegħi billi nagħmel delitt faħxi.***

## 2 IL-PAJSAĠĠ MALTI

FIL-QALBA tad-diskors insistenti li qiegħed isir fuq l-ambjent ma jistax ikun ninsew il-valur tal-pajsaġġ Malti, li kontinwament qiegħed jiġi rvinat bla skruplu ta' xejn. Meta ngħaddu minn ċerti postijiet, l-aktar fuq it-trufijiet ta' l-irħula ħelwin tagħna u fil-kampanja ta' pajjiżna, ma jistax ikun li ma jiddispjaċikx. Tinduna, b'għafsa ta' qalb fuqek, li l-pajsaġġ Malti diġà tilef ħafna mis-sbuħija li darba kien igawdi.

Tgħaddi minn ċerti widien u tara stunatura kbira: bini ma jaqbel xejn ma' l-ambjent li fih tela'. Aqbeż ftit, per eżempju, sal-wied tal-Madliena u tara dak li qiegħed ngħid. Għandek għax tibki. Niftakar ċerti rkejjen sbieħ, irziezet jew katusi taċ-ċaqquf li llum spiċċaw, inqerdu



darba għal dejjem għax ħatthom il-*bulldozer* u raw il-gaffa. Ara xi bluha!

Dawn huma dnubiet serji li żgur ma tistenniehomx illum-il ġurnata minn nies li jiftaħru li evolvew ruħhom u jgħidu li jifhmu u huma responsabbli ta' għemilhom.

Nibża' li jekk inkomplu ngħarrqu l-pajsaġġ - kif jidher li hekk se jkompli jiġri - għada pitgħada biex nitpaxxew ftit bih ikollna mmorru naraw mhux xi mkien naturali imma xi wirja fejn ikun hemm esibiti xogħlijiet artistiċi maħduma bil-pinzel jew bis-sikkina, bil-kuluri taż-żejt u bl-*acrylics* (materjal magħmul minn polimer sintetiku li jittieħed mill-aċidu akriliku jinten u jaħraq), bħalma huma dawk tal-Mosti s-Sur Francis Galea. Dawn il-pitturi jpaxxuk inti u tħares lejhom u tosserva l-perspettiva u l-profondità tagħhom, aħseb u ara jekk ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom tarahom fir-realtà x'sensazzjoni iżjed kbira jnisslu fik!

Malta, kemm qed titlef ħwejjeġ imprezzabbli! Dawk li huma *accountable* ta' dan kollu meta se jiftħu għajnejhom u ma jkomplux jagħmluhielek ekoloġikament?

***Mulej, għallimni nibża' b'għożża kbira għall-wirt nazzjonali tagħna.***

## 3 SEWQAN ORRIBBLI

IL-MEDJA ta' l-inċidenti stradali huma ta' 38 każ kuljum. Hekk stqarrew il-ġurnali, imma fil-verità huma iżjed minn hekk. Ftit minn dawn l-inċidenti huma tort ta' difetti mekkaniċi biss. Fil-maġġoranza tagħhom ġejjin mill-kwalità ta' sewqan li huma mdorrijin bih ħafna Maltin u Għawdxin. Il-poplu tagħna, fil-maġġoranza taċ-ċittadini, huwa poplu nervuż għall-aħħar, poplu indixxiplinat, poplu li fih jispikka l-egoiżmu. Jekk ikun sewwieq ma jħabbilx rasu mis-sogru ta' fuq it-toroq tagħna. Ħafna minn dawk li jsuqu jqisu l-vettura bħala l-kontinwazzjoni, l-*extention* tal-persuna tagħhom stess. Minn hawnhekk ġejjin il-pretensjonijiet u l arroganza li ma jċedux, li jaqbżu 'l oħrajn. Jaħsbu li l-vettura hija l-uniku mod kif tirbaħ lil min hu aqwa u akbar minnek.

Fejn tara *coaches* kbar u trakkijiet mgħobbijin ġebel għaddejjin fil-*fast lane*? Fejn tara nies li ħarġu passiġġata nhar ta' Ħadd iterrqu bil-karozza fil-*lane* ta' barra? Fejn tara min jaqla' min-naħa ta' ġewwa? Fejn tilmaħ sewwieqa jieqfu fejn iridu u meta jridu bla ma jimpurtahom minn ħadd?



Li tkun qed tivvjaġġa bil-vettura u fuq l-iskrin ta' wara tal-karozza li tkun quddiemek taqra l-kelmiet *Eat my dust*, dan xi jġagħlek taħseb jekk mhux f'sewwieq bla valuri u bla prinċipji nsara?

***Mulej, għallimni napprezza iżjed il-ħajja tiegħi u ta' l-oħrajn.***



minn Br Mario Attard OFMCap

# Il-Knisja Anglikana u San Franġisk

Tassew li l-ispirtu ta' Alla ma jafx mistrieħ; jaħdem f'dawk kollha li jiftħu moħħhom u qalbhom għalih. Dan kien sewwa sew li gara fil-Knisja Anglikana. Fl-ewwel nofs tas-seklu 20 twaqqaf l-Ordni ta' San Franġisk fi ħdan l-istess Knisja.

Is-*Society of Saint Francis* ġiet imwaqqfa fit-tletinijiet minn ħafna gruppi Franġiskani ta' aħwa li ngħaqdu biex jiffurmaw ordni wieħed. Wieħed minn dawn il-gruppi kien tabilħaqq dak ta' Hilfield ġewwa Dorset. Dan il-grupp, li kien jaf il-bidu tiegħu fl-1921 u li kien immexxi minn Brother Giles u warajh Brother Douglas, kien jieħu ħsieb dawk li kienu jterrqu 'l hawn u 'l hinn. L-aħwa għamlu kemm felħu biex mhux biss jgħinu lil dawn l-imsejkna imma wisq iżjed billi għamlu pressjoni biex isir tibdil fil-liġijiet li kienu l-kawża ta' ħafna rġiel li kienu jiġġerrew f'kull imkien basta jsibu l-ħobżna ta' kuljum.

Komunità oħra kienet qiegħda tmexxi parroċċa u dar tas-subjien ġewwa Londra. Komunità oħra ġiet mwaqqfa ġowwa l-Indja fl 1922, biex tieħu ħsieb il komunità mħallta ta' hemmhekk. L-aħwa Indjani kellhom dar f'St Ives, li kienet immexxija minn Father Algy Robertson, wieħed minnhom, li minħabba li saħħtu marret għall-agħar kellu jaqbad triqtu lura lejn l-Ingilterra.

Tul is-snin tletin kollox beda juri li dawn il-komunitajiet żgħar biex jissaħħu kien meħtieġ għalihom li jsiru ħaġa waħda. Interessanti li kienu l-istess Terzjarji, li kienu għadhom kif iffurmaw ruħhom f'dak il-perijodu, li ħajruhom jagħmlu dan. Douglas u Algy ħadmu kemm felħu biex jaraw din l-għaqda sseħħ. L-ewwel voti solenni (jew kif inhuma magħrufa fost l-Anglikani bħala *life vows*) fi ħdan is-*Society of Saint Francis* ġew magħmula fl-1937.

Tajjeb li ngħidu xi ħaġa żgħira dwar is-sorijiet. L-Ordni tas-sorijiet, jew kif inhu magħruf aħjar bħala l-*Community of St Francis*, ġie taħt l-umbrella tas-*Society of Saint Francis* fl-1964. Il-*Community of St Francis* ġiet imwaqqfa minn Mother Rosina Mary, meta s-sorijiet li kienu qegħdin jgħixu taħt ir-Regola ta' Santa Klara, kienu warrbu l-partijiet li jitħaddtu mill-klawsura. Imnebbħa mill-ħajjiet ta' San Franġisk u Santa Klara, is-sorijiet xtaqu jaqdu lill-fqar, jaqsmu l-bxara t-tajba ta' Kristu, u jgħixu fis-sempliċità.

Ħames snin wara t-twaqqif tal-komunità, Mother Rosina Mary u għadd ġmielu mis-sorijiet telqu biex saru Kattoliċi. Sister Helen Elizabeth reġgħet waqqfet mill-ġdid il-komunità. Hija baqgħet is-superjura tagħha sa ma għalqet għajnejha fis-sena 1951. Fil-bidu, is-sorijiet



**Xellug:** Franġiskani tal-Knisja Anglikana.

**Isfel:** Il-kunvent tal-Franġiskani Anglikani ta' Hilfield, Dorset.



kienu jgħixu f'Hull, iżda minn hemm telqu lejn Londra sewwa sew f'post jismu Dalston, fejn qagħdu għal ħamsin sena. Fl-1962 il-komunità ċċaqalqet lejn Compton Durville ġewwa Somerset.

Tul is-snin sebgħin u tmenin, il-*Community of Saint Francis* reġgħet lura biex tissokta twettaq ix-xogħol tagħha fil-qalba ta' l-ibliet ta' Londra u Birmingħam. Il-komunità fetħet ukoll dar f'Newcastle-under-Lyme biex tkun Ċentru għall-ministeri diversi li toffri. Is-*Society of Saint Francis* ukoll għaddiet mill-iżvilupp tagħha. Tant hu hekk li l-Aħwa issoktaw isaħħu x-xogħol tagħhom fil-lvant ta' Londra u Birmingħam. Mhux hekk biss, iżda l-qadi tagħhom infirex f'Wales, l-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq.


*Il-Kappella ddedikata lil San Franġisk fil-Kunvent ta' Hilfield.*

Jekk huwa minnu li l-għaqda fil-Knisja tiddependi ħafna fuq l-għaqda bejn il-persuni ikkonsagrati lil Alla fil-ħajja reliġjuża, il-moviment Franġiskan joffri opportunità tad-deheb biex din it-teorija ssir realtà. Sforzi biex il-Franġiskani Kattoliċi u Anglikani jersqu flimkien diġà saru u għadhom qegħdin isiru. Biżżejjed wieħed isemmi l-Konferenza Internazzjonali Franġiskana tat-Tielet Ordni li saret f'*Domus Pacis* ġewwa Assisi u għaliha ġew mistiedna l-Ministri Ġenerali ta' l-Ewwel Ordni tal-Patrijiet u s-Sorijiet; jiġifieri, Brother Daniel u Sister Teresa. Kif spjega tajjeb Bro Daniel fl-ittra li bagħat lill-Ordni, hu u Sister Teresa ġew mistiedna għal din il-konferenza li ssir darba kull erba' snin bil-għan li tinħoloq iżjed kollaborazzjoni mal-Franġiskani Anglikani. Fil-fatt din kienet waħda mir-riżoluzzjonijiet ta' l-assemblea li ħarġet minn din il-konferenza. Fl-aħħar ta' l-ittra tiegħu, il-Ministru Ġenerali qal li hu u Sister Teresa ħossuhom grati lejn il-laqgħa tal-Ministri Ġenerali li ħeġġewhom biex jattendu, kif ukoll lejn l-aħwa Kattolici li stednuhom minn qalbhom. Bro Daniel qal li dan kollu juri l-ħtieġa għalina l-Franġiskani li naħdmu u nitolbu għall-għaqda ta' bejniethom, iktar u iktar meta hemm tant ħwejjeġ komuni fi ħdan il-wirt Frangiskan li għandna.

Jidher li dan l-ispirtu ta' kollaborazzjoni jinħass ukoll fl-aħwa l-oħra. Nixtieq biss insemmi x'kiteb in-novizz Wayne Martin fuq l-esperjenza tiegħu ġewwa l-*Franciscan Study Centre* f'Canterbury. Meta kkummenta fuq l-esperjenza pożittiva ta' studju ma' Franġiskani Kattolici, Wayne qal li l-esprejenza ta' Canterbury għenet bis-sħiħ sabiex jinbena għarfien u għaqda bejn il-komunjoni Anglikana u dik Kattolika. L-istess xewqa għall-għaqda iżjed sħiħa ġejja mill-għarfien komuni ta' l-istess għeruq Franġiskani.

Jekk il-ħajja reliġjuża hija l-ħajja u l-qdusija tal-Knisja, kemm iżjed għandha sehem importanti fil-kawża għall-għaqda ta' l-insara. Jekk hemm xi ħaġa li hija komuni fil-Knejjes u l-Kommunitajiet Ekkleżjali Nsara hija l-qdusija. Mela kull forma ta' ħajja reliġjuża li teżisti f'kull rokna tal-Knisja ta' Kristu għandha bħala għan tagħha il-qdusija tal-Knisja. Iktar ma r-reliġjużi ta' kull Knisja u Komunità Ekkleżjali jaħdmu u possibbilment jgħixu flimkien iżjed tingħata xhieda tal-qdusija ta' Kristu u l-Knisja tiegħu. Il-Franġiskani għandhom opportunità tad-deheb. Imberkin aħna jekk nagħrfu nużawha! Tifraħ il-Knisja għax tkompli iżjed tingħaqad u tissaħħaħ! Tifraħ id-dinja għaliex tissokta tfiq bl-imħabba, is-sliem u l-ferħ! ❑



## Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Għażiż Fr. Joe, nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għar-rivista **Dawl Franġiskan** li ta' kull xahar tibagħtilna. Qegħdin nitgħallmu ħafna bil-għajnuna tagħkom. Qiegħda nibgħat il-ħlas ta' l-abbonament u tal-biljetti tal-lotterija u xi ħaġa żgħira bħala għajnuna lill-missjoni. F'isem il-familja nselli għalikom u Alla jieqaf dejjem magħkom.

*M'Anna Attard*

• Għażiż Fr. Joe, qed nibgħatlek il-ħlas tal-biljetti tal-lotterija u biex inġedded l-abbonament f'**Dawl Franġiskan** li tassew qed ikun sabiħ. Grazzi minn qalbi u nixtieqlek is-sliem. *J. Flask - Ħaż-Żebbuġ*

• Għażiż Fr. Alessandro, bħal kull sena qiegħda nġedded l-abbonament tiegħi għar-rivista **Dawl Franġiskan**. Inħoss li din ir-rivista hija informattiva u mimlija tagħlim. Nixtieq ngħid prosit lil kulmin jagħti kontribut f'din ir-rivista. Ma' l-abbonament tiegħi qed nibgħat ftit bolol użati għall-bżonnijiet tal-missjoni. Grazzi u nitolbok tberikna.

*Mrs. S. Hallet - Rabat (Malta)*

minn P. Silvestru Bonavia OFMCap

# L-istorja ta' Amon

Amon għandu kważi 18-il sena; qiegħed *Form 3* fi skola sekondarja tal-gvern, mhux *boarding*. Sirt nafu permezz tal-programm li nagħmel kull ġimgħa fuq ir-radju tad-djoċesi. Issa ilu jsegwi l-programm flimkien ma' żgħażagħ oħra ġirien tiegħu għal kważi tliet snin. Dan il-grupp illum jgħodd madwar ħmistax-il żagħżugħ. Dawn joqogħdu madwar 90 kilometru bogħod, f'post imsejjah Mbinga, li hija parti mid-djoċesi qrib tagħna. Ir-radju jwassal sew sa hemmhekk; imma t-triq nofsha hija ħażina ħafna, l-aktar fix-xita.

Matul dawn is-snin kien jiktibli regolarment; jitlobni l-**Kelma tal-Ħajja** u l-ispjega tagħha fil-fuljett bis-Swahili. Kull xahar kont nibgħatihielu. Imma kont għadni qatt ma ltqajt miegħu. Meta f'Ġunju li għadda hawnhekk kellna l-Mariapoli - il-laqgħa ta' kull sena tal-Moviment tal-Fokolari - stedintu jiġi u ħeġġiġtu ma jiġix waħdu, imma mqar ma' xi wieħed minn sħabu. U fil-fatt hekk għamel.

Ġew erba' żgħażagħ flimkien; il-grupp kollu għamlu sforz biex ġabru xi ħaġa għall-karozza; iddubbaw xi ħaġa oħra mingħand oħrajn u almenu kellhom biex jiġu. Meta Amon ġie hawn għall-Mariapoli, kelli ċans inkellmu u hu rrakkuntali ftit dwar ħajtu.

Missieru għandu żewġ nisa u b'kollox qegħdin għaxart itfal. Amon hu t-tieni mit-tieni mara. Il-missier hu tip ta' nisrani "tradizzjonali", imrobbi f'raħal 'il bogħod mill-knisja; lill-familja jagħtihom kull ma jista'; imma, kif timmaġinaw, fil-ħajja nisranija ma setax jagħtihom wisq. Fil-fatt, it-tfal li rnexxielhom jistinkaw u jinteressaw ruħhom irċevew il-magħmudija; imma aktar minn hekk ftit setgħu jieħdu! Amon fil-fatt stinka u rċieva l-magħmudija fl-1997 meta kien fil-klassi ta' qabel ta' l-aħħar fl-iskola primarja.

Jidher li fl-iskola kien mhux ħażin, s'intendi daqs kemm studja u tħabat. Meta spiċċa kellu riżultat li bih ġie magħżul biex imur fi skola sekondarja tal-gvern, mhux *boarding*, fi Mbinga stess. Dan kien vantaġġ kbir għalih għax il-ħlas f'dan it-tip ta' skejjel mhux għoli; hekk seta' jibda Form 1 f'Jannar 1999.

Imma interessanti wieħed jara kif sa ċertu punt sa issa rnexxielu! Kuljum, jew kważi, wara l-iskola, kien irid jara kif jagħmel ftit xogħol jgħin f'ħanut tal-ikel: ibigħ, jerfa' xi xkejjer, jagħmel xi qadi, iwassal xi tagħbija kbira jew imdaqqsa... hekk kien jaqla' xi ħaġa, ifaddalha, biex seta' jħallas il-*fees* ta' l-iskola, jixtri l-uniformi, xi pitazzi jew ktieb u affarijiet essenzjali ta' l-iskola.

Din hija qagħda li l-istudenti tas-sekondarja jridu jħabbtu wiċċhom magħha jekk ikunu jridu jistudjaw, l-aktar meta l-ġenituri jew ma jifhmux il-ħtieġa ta' l-iskola jew ma jkunux jistgħu jħallsulhom. Għalhekk, diversi żgħażagħ, f'sitwazzjonijiet hekk, jitħabtu kemm jifilħu biex forsi jirnexxilhom. Diversi jibdew it-triq, imma ma jkunux jistgħu jkomplu, l-aktar li issa l-gvern iddeċieda li min ma jġibx marki suffiċjenti wara *Form 2* fl-eżamijiet nazzjonali ma jkunx jista' jitla' fit-tielet klassi. Dawk li jkomplu jitilfu ħafna żmien u bosta lezzjonijiet ukoll; imbagħad dan jirrifletti fuq ir-riżultati wkoll għax naturalment ħin biex jistudjaw ikun fadal biss filgħaxija, ikunu mgħobbijin bil-għaja, u xi drabi jekk iridu jistudjaw iridu x-xemgħa jew lampa tal-pitrolju li mhux dejjem jista' jkollhom.

Amon kien wieħed minn dawn li sas-sena l-oħra, *Form 2*, kważi rnexxielu. Sa dan it-tant telaq il-villaġġ, mar Mbinga jgħix ma' xi żiju qrib l-iskola sekondarja tiegħu - almenu kellu fejn jorqod u jiekol xi ħaġa.



Meta kont qed inkellmu tennieli li dis-sena mar ftit biss l-iskola għax kien fadallu dejn anke jekk mhux kbir mis-sena l-oħra u dis-sena ma setax ilaqqat l-ammont meħtieġ. Il-ftit xogħol li kien jagħmel kuljum tilfu wkoll għax sid il-ħanut għalaq u mar post ieħor. Jekk ngħid li tħassartu - u fih rajt ix-xorti ta' tant studenti oħrajn bħalu - inkun ngħid ftit wisq!

Bħas-soltu ppruvajt nivverifika l-fatti mill-aħjar li stajt permezz tas-Sorijiet Vinċenzjani tagħna li jinsabu qrib ħafna fejn joqgħod u malajr kelli risposta li nkoraġġietni biex nara kif nagħmel u ngħinu. Fil-fatt għidtlu li l-flus nibgħathomlu mas-Sorijiet u malli jerġa' jmur lura wara l-Mariapoli jfitttex imur l-iskola.

Id-dawl li rajt ileħħ fuq wiċċu meta għedtlu hekk, ma jistax jitfisser bi kliem sempliċi. Fil-fatt kitibli mill-ewwel malli wasal u qalli li reġa' beda l-iskola. Nittama li wara li tilef daqs tant lezzjonijiet jirnexxilu jkompli. Issa naraw u nistennew ir-riżultati tas-sena.

Sa dan it-tant kelli ċ-ċans għall-ewwel darba u mort Mbinga jien stess u rajtu hemm flimkien ma' sħabu żgħażagħ li jsegwu l-programm tar-radju dwar il-**Kelma tal-Ħajja**. Ħadt gost ħafna li ltqajt magħhom; ħeġġiġthom ħafna biex ikomplu jiltaqgħu flimkien u jsibu xi żgħażagħ oħra tat-tip tagħhom. B'xorti tajba hemm wieħed minnhom li jaħdem f'ħanut u s-sid jagħtihom permess jiltaqgħu għandu; anke meta xi wħud minn hawn marru jżuruhom, il-laqgħat għamluhom għandu. Kemm domt Mbinga kelli ċans inkellem 'l-isqof li nafu mhux ħażin; għarraftu f'dan il-grupp u ħa ħafna gost; darb'oħra nirranġa mmur għandu ma' xi wħud minnhom.

Aktar minn hekk, tkellimt ma' Amon fuq ħajtu nisranija waqt li nhar ta' Ħadd jagħmel minn kollox biex imur il-quddies dejjem, imma jeħtieġlu issa jħejji ruħu biex jirċievi l-Griżma ta' l-Isqof; f'ittra qalli li ġa tkellem mal-katekista u kellu jibda l-lezzjonijiet ma jdumx.

Il-ħajja ta' Amon hija tip ta' x'ħajja jgħixu ħafna miż-żgħażagħ li ma jkollhomx ġenituri interessati biżżejjed fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Veru li ħafna jagħmlu kull ma jistgħu biex ikollhom edukazzjoni primarja. Bħal Amon hawn ħafna u ħafna li jgħixu fl-hekk imsejħa rħula jew żoni rurali li huma l-akbar parti assoluta tat-Tanzanija.

Inkompli nagħmel minn kollox biex insegwi lil Amon avolja joqgħod 'il bogħod; nara li jkompli jkun bil-għaqal u jikber fil-ħajja nisranija tiegħu, hu u sħabu. ❑

## Jiktbilna **P. Taddew Schembri OFMCap** mill-Etjopja

Għeżież Ħuti fi Kristu Ġesù,

F'dawn il-ġranet tal-Milied nixtieq naqsam magħkom il-ferħ tiegħi billi flimkien naħsbu fuq dan il-misteru kbir ta' mħabba.

Alla qal lil Mosè li ħadd ma jista' jara wiċċu u jibqa' ħaj. Iżda Alla stess sab mezz biex inkunu nistgħu narawh mingħajr ma mmutu, biex nadurawh, inħobbuh u nfaħħruh. Dan għamlu billi Ibnu sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub.

Hekk, meta nħarsu tajjeb lejn wiċċ Ġesù tarbija naraw 'l Alla nnifsu.

Illum Ġesù mhux magħna bil-ġisem tiegħu. Kif nistgħu naraw wiċċ Alla fih? Nistgħu narawh f'bosta suriet oħra.

Narawh fil-Kelma tiegħu u fis-sagramenti, b'mod speċjali fl-Ewkaristija. Kristu Ġesù jgħix fil-Knisja tiegħu u hu qiegħed fost il-ġemgħa miġbura f'ismu. Qiegħed f'kull bniedem, b'mod speċjali fiż-żgħir, fil-fqir, fil-batut u f'dak li għandu bżonn l-għajnuna. Hu magħna f'kull waqt ta' ħajjitna, fl-hena u fid-diqa, fit-tiġrib u fil-ferħ, fit-tbatija u fil-mard. Hu dejjem magħna fil-ħajja ta' kuljum fejn jurina wiċċu f'kull waqt tagħha. Biex nagħrfuh irridu nħarsu b'ħarsa ta' twemmin. Il-Kotba Mqaddsa, speċjalment l-Evanġelju, jgħinuna biex inkabbru fina t-twemmin li nsaħħuh bit-talb u b'ħajja mimlija mħabba tassew.

L-Ispirtu s-Santu jmexxina u jgħinna nsibu s-sewwa. Il-Papa Ġwanni Pawlu II qalilna: "Qatt tieqfu taħsbu fuq il-Kotba Mqaddsa, l-aktar fuq l-Evanġelju, għax dawn ikabbru fina x-xbiha t tal-Kelma li saret bniedem. Imsaħħa bil-kelma tiegħu nsiru tassew qaddejja u xandara ta' din l-Aħbar it-Tajba fost ħutna l-bnedmin".

Imsaħħa bit-talb u bil-kontemplazzjoni nistgħu nitkellmu miegħu u hu li tant ħabbna jimliena b'imħabbtu, idawlilna moħħna u jkebbsilna qlubna biex inkomplu l-mixja tagħna lejn is-saltna tiegħu, imħarsin minnu minn kull tfixkil tad-dinja.

Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, l-*agape*, hi l-lok l-aktar xieraq biex niltaqgħu miegħu. Hawn hu jkun fostna biex ifissrilna l-Kotba Mqaddsa, jiftħilna moħħna u jkebbsilna qlubna. Jiftħilna għajnejna biex nagħrfuh. Hawn hu jingħaqad magħna u jbiddilna fih.

Għeżież, nixtiqilkom minn qalbi dan ir-rigal ta' mħabba ta' Kristu li sar bniedem biex isir ħuna u biex aħna nsiru ħutu sabiex nieħdu sehem mid-divinità tiegħu.



Irroddilkom ħajr minn qalbi għat-talb u għall-għajnuna tagħkom li tagħmlu għalina, waqt li nixtiqilkom Milied hieni u sena ġdida 2003 mimlija barka mis-sema.

F'għaqda ta' talb u mħabba ta' l-aħwa.

Ħukom fi Kristu Ġesù.
***P. Taddew Schembri***

minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap



# Tifkira ta' Patri Publju Cassar OFMCap 1918 - 2002



*Salvino Cassar qabel ma daħal fl Ordni ta' l-Aħwa Minuri Kapuċċini.*

Fis-17 ta' Settembru 2002, isem Patri Publju Cassar inkiteb fl-Annali tal-Missjunarji tagħna, bħala ħabbar tal-Evanġelju għal 58 sena f'Malta, fl-Indja, fl-Awstralja u fil-Kenja. Għal P. Pupul (hekk kien magħruf) is-sejħa għall-ħajja kkonsagrata bħala presbiteru fl-Ordni tagħna kienet tfisser għotja sħiħa tiegħu nnifsu b'impenn serju u ġeneruż fil-qadi tal-Knisja kulfejn kien. Fl-omelija tal-funeral tiegħu li saret fid-19 ta' Settembru 2002 fil-Knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana, il-Ministru Provinċjali P. Crispin Tabone ġabar il-ħajja u l-ħidma tiegħu f'dawn il-kelmiet: "P. Pupul ma kienx jiċċelebra biss meta jqaddes fil-knisja u jippriedka, iżda kien jiċċelebra matul il-ġurnata kollha, matul ħajtu kollha, bil-mod serju u kważi sever miegħu nnifsu, u ma' l-Istudenti meta kien Direttur tagħhom hawn Malta".



*Fuq: P. Pupul ma' l-abbatini tal-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, 1943-1945. Fuq ix-xellug tiegħu jidher Carmel Bugelli (illum P. Charles) u, dejjem fuq ix-xellug, it-tieni wieħed bil-wieqfa jidher John Schembri (illum P. Pietru Pawl).*

*Lemin isfel: P. Pupul waqt vjaġġ fil-Missjoni ta' Judepur, 24 ta' Frar 1948.*

Salvatore Cassar, kif ġie msejjaħ fil-magħmudija, twieled l-Isla fis-16 ta' Mejju 1918, minn Ġużeppi u Ġorġina, imwielda Scicluna. Huwa kien it-tieni wieħed fost sebat aħwa. Fi tfulitu ħa l-ewwel tagħlim fl-Iskola tal-Gvern u mbagħad issokta fil-Kulleġġ *De La Salle*, u fl-aħħar fl-Iskola Serafika tal-Kapuċċini, il-Kalkara. Meta beda n-Novizzjat minnufih ħass sejħa qawwija biex imur jaħdem fil-Missjoni tagħna fl-Indja. Tabilħaqq din ix-xewqa saħħet fil-25 ta' Settembru 1946, erba' snin biss wara l-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Huwa telaq lejn il-Prefettura Appostolika ta' Jhansi, l-Indja, flimkien ma' P. Anġlu Mizzi OFMCap, P. Sebastjan Bonavia OFMCap u l-Kanoniku Dun Ġwann Micallef.

## F'MALTA

L-ewwel ħidma pastorali tiegħu, P. Pupul wettaqha fil-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa fejn għal erba' snin (1942-1946) kien Viċi-Kappillan, Assistent Ekkleżjastiku taż-żgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika, u Direttur tal-Abbatini, liema żgħażagħ kien jgħożż ħafna u baqa' jsemmihom sa l-aħħar ta' ħajtu.

## FL-INDJA

Fil-Prefettura Appostolika ta' Jhansi, P. Pupul sab il-post mixtieq fejn seta' jsarraf il-ħeġġa li kellu f'ħidma missjunarja sfiqa. Hemm kien jgħin ħafna lill-Mons.





*P. Pupul ma' l-Isqof ta' Halifax Mons. L. Faulkner wara l-amministrazzjoni tas-sagrament tal-Griżma fil-Parroċċa ta' S. Pietru fit-3 ta' Ġunju 1979.*

Franġisku Saver Fenech OFMCap, Prefett Appostoliku, fil-bini tax-*Shrine* iddedikata lill-Appostlu San Ġuda Taddew. P. Pupul ħadem mhux biss bħala Prokuratur tax-*Shrine*, iżda ħabrek bis-sħiħ biex dan l-Appostlu jkun magħruf ma' l-Indja kollha. Huwa kien Kappillan tal-Katidral ta' Jhansi u għal erba' snin sħaħ ħa ħsieb, bħala Mastru, tal-formazzjoni tan-Novizzi tal-Kongregazzjoni *Franciscan Brothers of the Blessed Sacrament*, f'Judepur, imwaqqfa snin qabel minn Mons. F.S. Fenech OFMCap.

## F'MALTA

F'Mejju 1955 P. Pupul ġie lura Malta u bla telf ta' żmien reġa' ntefa' fil-Parroċċa tal-Marsa bħala Viċi-Kappillan, u Kappillan fl-Isptarijiet. Mill-Marsa ġie msejjaħ mis-Superjuri biex ikun Direttur ta' l-Istudenti fil-Kunvent tal-Kalkara, Assistent Spiritwali tat-Terzjarji (illum OFS) u Delegat Provinċjali tagħhom. F'Malta, speċjalment mill-Kunvent tal-Kalkara, P. Pupul issokta jxerred it-tagħrif dwar San Ġuda billi ppubblika l-ħajja tiegħu fil-qosor fl-1958 u ġieb statwa ta' l-Appostlu li għadha miżmum fil-Knisja tagħna b'artal ta' l-irħam quddiemha.

## FL-AWSTRALJA

Fl-1960 P. Pupul ħa d-deċiżjoni aħħarija li jmur l-Awstralja jaħdem b'risq l-Emigranti Maltin li kienu qed iħallu Malta bl-eluf. Fl-10 ta' April 1960 huwa telaq minn gżiritna ma' 200 emigrant fuq il-*M/V Aurelia*, bħala Kappillan ta' l-Emigranti b'Digriet tal-Kongregazzjoni Konċistorjali ta' l-10 ta' Frar 1960 bil-fakultajiet kollha meħtieġa biex jaqdi dan il-mandat. Dan, iżda, ma kienx l-ewwel vjaġġ tiegħu lejn l-Awstralja, għax fil-fatt fis-16 ta' Awissu 1959 kien wassal grupp ta' Emigranti Maltin fuq il-*M/V Flaminia* b'mandat ta' Kappillan tagħhom b'Digriet tal-Kongregazzjoni li semmejna bid-data tas-16 ta' Lulju 1959. Ġewwa Sydney, P. Pupul wera l-ħeġġa u l-ħila tiegħu biex jara l-Emigranti Maltin jgħixu tassew ta' nsara billi jwettqu dak li jemmnu. Hemmhekk huwa rnexxielu jqassam 50,000 kopja ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann fit-traduzzjoni Maltija ta' Mons. Pietru Pawl Saydon. Dan irnexxielu jagħmlu bl-għajnuna finanzjarja tal-*British and Foreign Bible Society of Australia*. Fost ħafna ħidmiet oħra, P. Pupul ta ħajja ġdida lill-festa tat-Twelid tal-Madonna nhar it-8 ta' Settembru, li kien jorganizza kull sena bħala "Festa Nazzjonali" b'Tifkira ta' l-Assedju ta' Malta ta' l-1565, li kellha skop it-tiġdid spiritwali tal-Maltin. Fl-Awstralja wkoll huwa ma naqasx jippriedka u jħeġġeg lin-nies biex jiskopru f'San Ġuda mudell ta' ħajja nisranija.

Wara tmien snin f'Sydney, P. Pupul ġie maħtur mis-Superjuri bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pietru f'Halifax, N. Queensland, li kienet ilha f'idejn il-Kapuċċini mill-1929. Mal-wasla tiegħu hemm huwa ma damx ma ntebaħ bil-ħtieġa urġenti li tinbena skola għat-tfal tal-post. Kif tħejja kulma jinħtieġ, beda x-xogħol tal-bini b'mod li fit-8 ta' Ġunju 1969 l-iskola kienet lesta, ġiet imbierka u mifluħa għat-tagħlim. Ftit wara għeluq l-50 sena ta' ħidma pastorali f'dik il-Parroċċa (1929-1979), il-Kapuċċini tal-Provinċja Awstraljana, minħabba l-għadd żgħir tagħhom, iddecidew li jgħadduha f'idejn l-Isqof Mons. L. Faulkner, waqt li P. Pupul ġie mogħti ħidmiet pastorali oħra fil-Kunvent ta' Plumpton, NSW. Hawnhekk huwa għadda sentejn minn fejn, bħal dejjem, kien jgħin lill-Emigranti Maltin.

## FIL-KENJA

Għat-talba li għamel hu nnifsu fl-10 ta' Lulju 1981, insibu lil P. Pupul jasal il-Kenja, biex jissokta l-ħidma missjunarja li kien beda fl-Indja 35 sena qabel. Matul id-19-il sena li għex fil-Missjoni tagħna fil-Kenja, huwa



*P. Pupul ma' grupp sabiħ ta' Terzjarji Franġiskani f'Nairobi, Kenja.*

ħadem bi spirtu missjunarju u b'rieda qawwija bla waqfien biex jagħmel il-ġid. L-ewwel xogħol li kellu kien ta' Viċi-Kappillan tal-Parroċċa ta' San Franġisk, f'Ruiru, xi 30 mil bogħod minn Nairobi, kif ukoll Assistent Spiritwali ta' l-Ordni Franġiskan Sekular. Bil-ħeġġa tiegħu xettel u kabbar dan l-Ordni fost ħafna nsara fil-periferija ta' Nairobi. Fl-1983 huwa beda ħidma ġdida mal-Lebbrużi ta' Katagusko u f'Bungoma. F'din il-ħidma kiseb għajnuna finanzjarja mingħand il-Kavallieri ta' San Lazzru; il-Prijorat ta' Malta kien tah għotja ta' Lm1,000 u ħatru Kappillan Onorarju u Direttur tal-Lebbrożarju tagħhom fil-Kenja.

F'għeluq is-60 sena tal-Professjoni Perpetwa tiegħu, P. Pupul, waqt li radd ħajr lil Alla, kiteb hekk: "Issa, mgħobbi bl-età ta' 81 sena, għadni naħdem fil-Knisja; għandi Klinika (f'Pumwani) bi tliet *nurses* u *technologist*; nitma' 150 tifel u tifla kuljum; waqqaft *kindergarten*; bnejt *hostel* għal xi 30 ruħ u Knisja sabiħa ddedikata lil San Ġuda Taddew... u moħħi dejjem kien li nkun missjunarju u nitlob kuljum li mmut missjunarju". Biex iħajjar dejjem lin-nies ifasslu ħajjithom fuq dik ta' San Ġuda huwa kiteb bl-Ingliż il-ħajja tiegħu u stampa 10,000 kopja tagħha.

## F'MALTA

Għalkemm P. Pupul ma mietx il-Kenja għax in-nuqqas ta' saħħa ġegħluh jiġi Malta, xorta waħda baqa' missjunarju fl-ispirtu bl-eżempju ta' ħajja kkonsagrata mħeġġa tul is-sentejn li għex fil Fraternità tal Furjana, fejn sab l-attenzjoni kollha u speċjalment il-kumpanija ta' P. Stiefnu Barbara OFMCap. Lil P. Pupul konna nammirawh għar-rieda soda li kellu biex jieħu sehem fil-ħidmiet kollha tal-Fraternità, sakemm kellu jittieħed fl-Isptar San Luqa fis-17 ta' Lulju 2002, u wara f'dak ta' Zammit Clapp, fejn nhar is-17 ta' Settembru 2002 il-Mulej sejjaħlu għall-ħlas mistħoqq.





Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof ta' Malindi, il-Kenja, bagħat Messaġġ ta' sogħba lill-Provinċja kollha fejn kiteb: *"His undivided interest was that of serving the Church. He worked without counting the costs, and always dreamt of new projects. He loved the Order, led a strict Capuchin life, took care of the Secular Franciscan Order, loved the lepers and visited the sick. His particular devotion was towards St. Jude Thaddeus, for which he busied himself in India, Australia, Malta and Kenya. His sturdy physique coupled with a strong determination, a sonorous voice and an ability to preach, enabled him to offer himself tirelessly*".

Fil-Quddiesa Konċelebrata li saret għal ruħu *praesente cadavere* fil-Knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana, ħadu sehem Aħwa Kapuċċini u xi Membri tal-Kleru Djoċesan, fosthom Mons. Philip Calleja, li kien jafu sewwa għall-ħidma tiegħu fost il-Maltin ta' l-Awstralja. Mat-talb li dejjem nagħmlu fil-Fraternitajiet tagħna f'għaqda ma' ħutna li jħalluna, nagħtu l-għomor lil ħutu u lill-qraba kollha, u rroddu ħajr lil dawk kollha li wrew lejh interess u mħabba f'ħajtu u f'mewtu. Il-fdalijiet ta' P. Pupul jinsabu jistrieħu f'wieħed mill-oqbra tagħna fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Adddolorata, Raħal Ġdid. ❑

***Xellug:** L-aħħar sentejn ta' ħajtu Patri Pupul reġa' sab ħabib kbir tiegħu, Patri Stiefnu Barbara.*

***Fuq nett:** Uħud mit-tfal tal-kindergarten li bena P. Pupul.*

# Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija

*Sliem għalik, o Sinjura qaddisa, u Sultana,*
*omm imqaddsa ta' Alla, xebba li sirt Knisja!*
*Magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema,*
*u minnu ikkonsagrata,*
*flimkien ma' Ibnu l-Għażiż u l-aktar Qaddis,*
*u ma' l-Ispirtu s-Santu, id-Difensur.*
*Fik kien hemm u hemm il-milja tal-grazzja u ta' kull ġid.*
*Sliem għalik, palazz tiegħu;*
*Sliem għalik, tabernaklu tiegħu;*
*Sliem għalik, dar tiegħu;*
*Sliem għalik, ilbies tiegħu;*
*Sliem għalik, qaddejja tiegħu;*
*Sliem għalik, Omm tiegħu!*

San Franġisk



*San Franġisk. Affresk, Piero Loronzetti, Bażilika Inferjuri (Kappella Orsini), Assisi*

minn Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

L-EWWEL PARTI

***Id-devozzjoni li l-poplu Malti għandu lejn il-patrijarka t'Assisi, li b'ħajtu kien għajn kbira ta' ispirazzjoni u tqanqil għal għejxien dejjem iżjed perfett u sħiħ tal-Kelma ta' Alla, hu muri fi kwadri u statwi li nsibu f'uħud mill-knejjes tal-gżira Maltija. F'din is-sensiela t'artikli ser naraw xi wħud minn dawn ix-xbihat li jżejnu jew li kienu jinsabu fl-imqades tagħna u llum m'għadniex narawhom fil-knejjes tagħna. Il-ħsieb tagħna ma jistax jieqaf hawn. Dawn l-opri ta' l-arti jgħinuna naraw il-kobor ta' l-għemejjel ta' Alla f'dawk li f'din id-dinja għoġobhom ikunu mirja ta' l-imħabba tiegħu.***





Fil-**Knisja Parrokkjali ta' Ħ'Attard**, li twaqqfet bħala parroċċa fl-1575, insibu l-figura ta' San Franġisk t'Assisi fil-kwadru li juri l-Kruċifissjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. X'aktarx li dan il-kwadru għandu aktar minn tliet mitt sena u ġie restawrat fis-snin li għaddew. Fin-nofs tal-kwadru jidher Ġesù fuq is-salib, fuq ix-xellug hemm il-figura ta' San Ġwann il-Battista, filwaqt li fuq il-lemin jidher San Injazju ta' Loyola bil-wieqfa u San Franġisk għarrkubbtejh ibus il-pjaga ta' riġel Kristu Kurċifiss. Taħt San Franġisk jidher l-anġlu kustodju.

Fil-**Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz fil-Birgu**, kien hemm artal li tneħħa fis-sena 1971 meta saret in-niċċa għall-vara ta' San Lawrenz. Il-kwadru ta' skola Taljana tas-seklu sittax issa jinsab fis-sagristija. Dan il-kwadru juri lil San Franġisk liebes bħala patri Franġiskan Kapuċċin għalkemm il-kulur tal-labtu iżjed jagħti fil-griż. Il-qaddis għandu idejh miftuħa fejn qiegħed jirċievi l-pjagi mis-serafin fuq l-għolja La Verna. Fl-isfond tal-kwadru naraw ukoll lil Fra Leone li kien wieħed mill-ewwel dixxipli tal-Missier Serafiku u li ħafna drabi kien qrib Franġisku fil-mumenti ta' talb tiegħu.

Fil-kappella ta' San Franġisk kien hemm imwaqqfa l-fratellanza tal-*Via Sagra* li hi unika f'Malta. Din twaqqfet fl-1872 bħala assoċjazzjoni imma saret fratellanza fl-1876. Il-kappella u l-artal kellhom legat qadim ħafna sa mis-sena 1592 li kienet għamlet il-familja Ebejer (Dun Ġużepp u ħuh Orlando). Dan kien sar b'att għand in-nutar Zarb nhar id-19 ta' Novembru ta' dik is-sena biex issir il-festa kif ukoll jinżamm b' lampier jixgħel quddiem

ix-xbieha. Fin-niċċa li kienet tħaffret fil-ħajt fl-1880/82, tqiegħdet l-istatwa ta' San Lawrenz u tħallset mill-Kan. Marmarà. Illum f'din in-niċċa nsibu statwa tal-Kunċizzjoni, xogħol ta' Xandru Farrugia, magħmula fl-1838. Il-ġurisdizzjoni tat-Terz Ordni Franġiskan li kienet twaqqfet fil-knisja ta' San Filippu, kienet taqa' taħt il-Patrijiet Minuri, iżda wara għadd ta' kwistjonijiet din għaddiet f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini tal-Kalkara. Iktar tard din reġgħet għaddiet f'idejn il-Patrijiet Minuri tal-Belt Valletta.



Fir-raħal ta' **Birkirkara**, parroċċa sa minn qabel l-1402, għandna bosta xhieda li juru r-rabta tar-raħal ma' dan il-qaddis. E. B. Vella, fl-'Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha' (1934), jgħid li fl-1615 l-Isqof Balaguer, fi żjara li għamel lil dan ir-raħal, sab kappella ddedikata lil San Franġisk t'Assisi fil-Gżira li qabel kienet tagħmel parti minn Birkirkara. Din l-istess kappella tissemma wkoll fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Cannaves fl-1716. Hu jsemmi li din il-kappella kienet tinsab f' 'Bieb il-Gżira' u kienet tal-Baruni Cassia b' titlu ta' benefiċċju ta' ġuspatronat lajkali mwaqqaf fl-1595 minn Ġammarì Cassia u l-familja tiegħu li l-arma ta' din il-familja nobbli kienet tidher fuq il-kwadru.

Ix-xbieha ta' San Franġisk, li jinsab għarkubbtejh iħares lejn il-Madonna, narawha wkoll fil-kwadru tal-kappella tal-Madonna tal-Karmnu fil-Proto Kolleġġjata u Bażilika ta' Sant' Elena Imp. Awg. Il-kwadru juri l-Madonna bil-bambin u tliet qaddisin, jiġifieri San Xmun Stock, San Franġisk t' Assisi u Sant'Agata flimkien ma' l-erwieħ tal-purgatorju fin-naħa t' isfel. Sar fl-1646 flok kwadru ieħor li kien twaqqaf minn Francesco Ebejer. San Franġisk jidher f'dan il-kwadru minħabba li f'Birkirkara kien hemm it-Terz Ordni Franġiskan li ġie mwaqqaf fit-8 ta' Frar 1835.



Fis-sagristija ta' wara l-kor insibu statwa ta' San Franġisk liebes bħala patri Franġiskan Konventwali magħmula minn Wistin Camilleri b'żewġt anġli li kienu jintramaw miegħu. Din inġiebet fl-1926 fl-okkażjoni tat-tmien ċentinarju mill-mewt tal-qaddis. Illum din l-istatwa tinsab f' niċċa ta' l-injam.

In-nisġa ta' devozzjoni franġiskana f'Birkirkara narawha wkoll fil-**Knisja l-Qadima** ta' l-istess raħal, jiġifieri dik ddedikata lil Santa Marija. Din il-knisja, li ġustament titqies bħala eżempju ewlieni ta' l-arkitettura tar-Rinaxximent f'Malta, naraw għadd ta' opri artistiċi fosthom kwadru ta' S. Franġisk li narawh fuq l-ewwel artal tan-naħa tax-xellug hekk kif tidħol fil-knisja. Ma rnexxilix nikseb informazzjoni dwar l-oriġni ta' dan il-kwadru u kif sab ruħu f'din il-Knisja. Iżda żgur li hu wieħed interessanti.



Fih naraw lil Sidna Ġesù Kristu fuq sħaba li qed juri lil dan il-qaddis lil Ommu Marija bħallikieku jrid juriha l-perfezzjoni evanġelika li laħaq Franġisku t'Assisi. Fl-isfond tal-kwadru naraw diversi anġli li huma mera ta' l-hena smewwija. ❑

# Jum il-Karità 2003

Kull sena 'Jum il-Karità' jiġi ċċelebrat ftit granet biss wara l-festi sbieħ tal-Milied u ta' l-Epifanija. F'dan il-misteru sabiħ niltaqgħu ma' Marija, ma' Ġużeppi, mar-rgħajja, mal-Maġi u ma' Ġwanni l-Battista li raw id-dehra u l-wirja tal-Mulej Ġesù, Salvatur tagħna. Tassew dawn in-nies qaddisa huma mbierka li kellhom ix-xorti li jaraw lil Ġesù, imbagħad jitkellmu fuqu u juruh lill-oħrajn. Ma tistax tkun xorti u missjoni isbaħ.

Imma din il-missjoni nzertajna għandna aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu. San Ġwann ta xhieda. Aħna hekk irridu nagħmlu. U biex nagħtu tassew xhieda ta' Ġesù m'hemmx triq oħra tassew ġenwina, ħlief dik li qalilna Hu stess, li nħobbu 'l xulxin. "Minn hawn jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi..." (Ġw 13, 35). Meta ngħidu li qegħdin fil-Ġimgħa tal-Karità rridu niftakru li lesti nuru li aħna nsara bil-karità tagħna.

Iżda rridu niftakru u nfakkru li s-sena kollha għandna programm ta' karità jew imħabba tassew lejn l-oħrajn. Dik li nagħtu xi ħaġa tal-flus tista' tkun l-iktar mod ħafif kif nuru li jimpurtana mill-bżonnijiet ta' l-oħrajn. X'ingħidu għal dawk li mhux flus, imma l-ħin tagħhom, il-kumdità tagħhom, l-enerġija, iż-żgħożija tagħhom jagħtu għall-oħrajn? Biżżejjed naħsbu fil-kamp kbir u meraviljuż tal-volontarjat. Fis-sena 2001, sena ddedikata lill-volontarjat, il-Papa bagħat messaġġ lill-volontarji kollha tad-dinja u qal, fost l-oħrajn: "Il-volontarju jħoss ferħ li hu aqwa mill-ħidma li jagħmel meta jirnexxilu jagħti xi ħaġa minnu nnifsu lill-oħrajn mingħajr ħlas." Hawn bdejna nitkellmu fuq karità tassew, karità li tmiss fil-laħam il-ħaj, li tassew ta' min jaħseb fiha u jeħodha bis-serjetà, li tfisser u li tiswa xi ħaġa, li tiswielna tassew, mhux flus imma minna nfusna. "Tħobb sakemm tweġġa'" tgħid Madre Tereża. U l-Papa jġib l-eżempju tagħha u ta' San Massimiljanu Kolbe, żewġ eżempji kbar ta' żmienna li taw mhux xi ħaġa imma lilhom innifishom għall-oħrajn.

Għan-nisrani l-karità hi li tagħmlu dak li hu. L-ewwelnett irid ikun bniedem li jistħoqqlu dan l-isem ta' bniedem maħluq minn Alla biex jgħix ma' ħutu, bnedmin bħalu, ta' aħwa, ulied Missier wieħed.

In-nisrani jħobb lill-oħrajn bħalu nnifsu. Ġesù qalilna kif: "bħalma ħabbejtkom jien" (Ġw 13, 34). Semmejna l-imħabba li juru l-volontarji meta, minn qalbhom, minn rajhom, jagħtu minnhom infushom għal min jaraw fil-bżonn. "Bħalma ħabbejtkom jien". Ġesù hu l-ikbar volontarju! Il-fidi tagħna hija mibnija fuq Wieħed li "minn rajh" bħalma ngħidu fil-Quddiesa qabel il-konsagrazzjoni tal-ħobż u ta' l-inbid "meta kien ser jingħata biex minn rajh ibati." F'Jum il-Karità mhux biss niftakru fil-kmandament il-ġdid u ħelu ta' l-imħabba lejn xulxin, il-karità tassew, imma nsellmu lil dawk li fi żmienna, magħna stess, qegħdin jagħtu eżempju ta' mħabba lejn min hu fil-bżonn, batut, waħdu, jeħtieġ l-għajnuna minħabba d-diżabbiltà, jew jeħtieġ għajnuna morali, jistenna min jisimgħu, jifhmu, jagħdru, jħobbu. F'Jum il-Karità nsellmu l-eżempji ta' dawk li nafu, li marru fl-art tal-missjoni, forsi anki bil-familja b'kollox, lil min f'pajjiżna qiegħed jaħdem ngħidu aħna fid-diversi aġenziji li għandha l-Knisja f'Malta, ma' l-Aġenzija Caritas, fid-Djar għat-tfal, għall-anzjani, min ifittex lil min hu fid-dubju, fil-biża' għax vittma ta' l-użura, min jaħseb fil-ħabsin, min idur bil-morda, f'aġenziji lajċi imma ġenwini, f'dawk li jaħdmu għar-rashom f'darhom u jduru bl-anzjani jew il-morda tagħhom.



Fil-messaġġ li semmejna, il-Papa qal: "... il-bniedem jilħaq il-milja ta' l-umanità tiegħu biss jekk iħobb u jiddedika ruħu għall-oħrajn."

U Ġesù qed jgħidilna: "Dawn ħuti!". ❑

minn P. William Axiaq OFMCap

# Imxabba' bil-mara

*Father, ili ftit imxabba' bil-mara. Ma niflaħħiex iżjed. Iż-żwieġ qiegħed f'li tgħix mas-sieħba tiegħek fl-imħabba u mhux fl-inkwiet, it-tgħajjir u l-inkejja b'dannu għalina stess u għat-tifla li għandna. Dan l-aħħar iltqajt ma' xebba ta' ċerta età li tassew taf tħobb. Din dejjem xtaqet tiltaqa' ma' raġel ta' l-affari tiegħu u tiżżewġu, imma qatt ma ġietha l-okkażjoni. Issa ltaqgħet miegħi, ħadna grazzja ma' xulxin u ddeċidejna li mmorru ngħammru flimkien. Ma taħsibx li Alla laqqagħna ma' xulxin b'mod providenzjali, biex jaqlagħna mill-problemi li qegħdin fihom u qegħdin jifnuna t-tnejn b'modi differenti?*

Iż-żwieġ Alla ħalqu bħala għamla ta' ħajja msejsa fuq imħabba intima u profonda li, maż-żmien, trid tkabbar il-personalità tar-raġel u tal-mara li jkunu daħlu għalih. Fiż-żwieġ mhux permess tgħajjir, inkwiet u inkejja sistematiċi. Ta' kuljum iweġġa' r-ras. Meta s-sitwazzjoni tkun hekk, aħjar li l-miżżewġin li jkunu jisseparaw bid-dinjità milli jirvinaw ħajjithom.

Sitwazzjoni mwiegħra fiż-żwieġ, iżda, qatt ma tista' tagħti permess lil xi parti biex titlaq mid-dar u tmur tgħix ma' persuna oħra ħalli, minn għaliha, issolvi l-poblemi ta' ħajjitha. L-ebda sitwazzjoni fiż-żwieġ ma tista' tagħti d-dritt lil xi parti biex tisfa' infidila lejn il-parti l-oħra, avolja l-persuna l-oħra tista' tagħtik garanzija li se tgħix magħha fil-ġenna ta' l-art! Dan abbuż morali serju li fi żmienna sar komuni ħafna, jiddispjaċini ngħid.

Jiena ma smajtx il-verżjoni tal-mara tiegħek. Smajt il-qanpiena tiegħek biss. Imma kieku smajtha xi ħaġa kontrik kienet tgħidli żgur. Xi tgħid? Possibbli li ma għamiltilha u m'inti tagħmlilha xejn? Barra minn hekk, kemm ippruvajt issolvi l-problema tiegħek b'mezzi leċiti li huma għad-dispożizzjoni tiegħek?

Ħaġ'oħra. Ma jaqbillekx tħares lejn il-fatt li ltaqjt ma' xebba bl-għaqal, li taf tħobb u li dejjem kellha ħajra li tiżżewweġ bħala xi ħaġa providenzjali fl-ilma li tinsab fih kemm int kif ukoll hi. Ħaġa providenzjali tkun mod ieħor mhux hekk. Ħaġa providenzjali tkun ġejja minn Alla u mhux mill-kapriċċi tagħna.

X'irrid ngħidlek? Fil-biċċa tagħkom tippruvax iddeffes 'l Alla għax tiżbalja bl-ikraħ. Tazzardax tuża l-avverbju 'providenzjalment' għax tkun qed tagħmel tort 'l Alla. Mela Alla jista' jħajjar għall-ħażin (Ġak 1, 13)?

Ma jaqblilnix indaħħlu 'l Alla fejn dan ma jidħol xejn, inkella nibdew inħawdu u nagħlqu għajnejna fejn suppost inżommuhom miftuħin beraħ. Inti ltqajt max-xebba li semmejt ċivilment jew soċjalment imma mhux providenzjalment. Mhux Alla laqqgħek magħha imma ċ-ċirkustanzi tal-ħajja.

Inħoss li tajtek biżżejjed għalf fuqiex tixtarr. Nispera li tkun għaqli u ma tagħmilx dak li mhuwiex magħġub quddiem Alla inkella għad jerralek. ❑



minn P. Philip Cutajar OFMCap



# KUBA u l-istorja tagħha




IT-TLETTAX-IL PARTI



## MUŻIKA, ŻFIN U KANT (1)

Il-Kuban jitwieled jiżfen u jkanta, bir-ritmu tal-mużika f'saqajh - bħalma nismagħhom jgħidu għat-tfal subjien Furjanizi li "jitwieldu bil-ballun f'saqajhom". Il mużika, iż-żfin u l-kant hawnhekk huma passjoni, huma kult li jiġi pprattikat kuljum u minn kulħadd: mix-xjuħ sat-tfal, irġiel u nisa, subjien u bniet, fqar u sinjuri, mill-bojod, mis-somor u min-*negros*. Il-mod eċċellenti kif jesprimi l-mużika, iż-żfin u l-kant hija xi ħaġa li trid tkun Kuban biex tagħmilha. Hi xi ħaġa li taffaxxinak - u trid jew ma tridx, jekk ma toħroġx tiżfen magħhom - kif diġà ġrali kemm-il darba jiena, żgur li jġegħeluk tħoss l-istess passjoni u ritmu għall-mużika tagħhom.

Il-mużika, iż-żfin u l-kant Kuban ħadu l-proċess storiku tagħhom sakemm saru ħaġa waħda ma' l-identità tal-poplu lokali. Dan il-proċess storiku fih xi xebh ma' dak tal-pajjiżi Latin-Amerikani u dawk tal-Karibew li, xi ftit jew wisq, ħallew l-influwenza tagħhom bħala pajjiżi ġirien. Però ż-żewġ għejuni prinċipali li minnhom hija ħierġa l-identità ta' Kuba, kif diġà għedt meta ktibt dwar Kuba u l-istorja tagħha, huma dawk Afrikani u dawk Ewropej. Però dan ma seħħx mingħajr konflitti. Diversi tradizzjonijiet, użanzi u twemmin daħlu flimkien fl-istess forġa mħeġġa b'nar ħafna drabi qalil, sakemm, wara proċess twil u iebes, ħarġet l-identità nazzjonali ta' Kuba.

Dan il-proċess jidher b'mod speċjali fil-mużika, fiż-żfin u l-kant fejn il-mixja tagħhom bdiet ferm minn kmieni. Bdiet ma' l-iżviluppi tal-*criolozacion* - jiġifieri meta l-Afrikan u l-Ewropew bdew isiru nativi Kubani li, bħala riżultat tal-*mestizo* - tat-taħlit tar-razez Afrikani ma' dawk Ewropej waslet biex saret awtentikament mużika Kubana. ❑

# IL-PROĠETT VARELA (2)

### MIN HU VARELA?

L-isem Varela hu l-isem ta' saċerdot Kattoliku Kuban li lsmu sħiħ, hekk kif ġie mogħti fil-magħmudija, huwa FÈLIX FRANCISCO JOSÈ MARÕA DE LA CONCEPCIÒN VARELA. Padre Fèlix twieled f'La Habana fl-20 ta' Novembru 1788. Wara l-mewt ta' ommu, għadu tifel ckejken, għadda tfulitu man-nanniet. Peress li nannuh, Bartolmè Morales kien kaptan fl-eżerċtu, meta kienu jistaqsu liċ-ċkejken Fèlix jekk iridx iħaddan il-karriera militari bħal nannuh, kien jirrispondi fin-negattiv: le, jiena irrid insir suldat ta' Kristu għax ma rridx noqtol lin-nies imma nsalva l-erwieħ.

Fil-fatt Varela ġie ordnat saċerdot f'La ħabana fl-età ta' 23 sena. Sa minn żgħożitu wera l-kapaċitajiet intellettwali tiegħu. Għalkemm għadu żagħżugħ, fis-sena 1812 kien għad kellu biss 24 sena ġie mogħti l-kariga tant importanti ta' Professur tal-Filosofija fil-Kulleġġ-Seminarju ta' San Karlu y San Ambrog f'La Habana. Bħala professur daħħal bidliet radikali fis-sistema tat-tagħlim li ħallew influwenza fuq il-kunċett ta' l-edukazzjoni fil-pajjiż kollu. Fl-1817 ġie msejjaħ sabiex jieħu fir-responsabbiltà tiegħu t-tmexxija ta' l-iskejjel kollha tal-belt ta' La ħabana. L-influwenza li ħalla fuq is-sistema edukattiva ta' pajjiżu tant kienet qawwija li ġie msejjaħ: Sòcrates tal-pajjiżi Spanjoli-Latin-Amerikani u l-bniedem li ġedded il-ħsieb Kuban. Il-qofol u s-sigriet tas-sistema li l-Padre Varela daħħal fost il-poplu Kuban, speċjalment fost l-istudenti tiegħu, kienet il-mod kif titgħallem taħseb b'moħħok... u l-ħelsien mill-għanqbut medjevali.

Kien meqjus bħala l-aqwa oratur ta' żmienu. Il-priedki u d-diskorsi tiegħu sallum għadhom meqjusa bħala kapolavuri tal-lingwa Spanjola. Kien ukoll mużiċista. Kien idoqq b'abbiltà

kbira l-vjolin. U hu flimkien ma' grupp ta' mużiċisti ħbieb tiegħu waqqaf għall-ewwel darba f'La ħabana s-Soċjetà Filormonika tal-belt kapitali.

Il-kapaċità intellettwali tiegħu ma kinetx limitata biss għall-filosofija u għall-mużika imma wkoll kienet tinfirex fuq suġġetti oħra speċjalment il-matematika, il-kimika u l-fiżika. Matul ħajtu ivvinta rota speċjali bil-għan li jelimina l-istorbju eżaġerat tal-karettuni ta' żmienu u wkoll ivvinta sistema ta' kif tippurifika u tiffriska l-arja fis-swali ta' l-isptarijiet li kien iżur... dak li llum żviluppa fl-*airconditioner*.

Meta Kuba kienet għadha taħt il-ħakma Spanjola, Padre Varela ġie magħżul bħala wieħed mid-deputati rappreżentanti ta' pajjiżu quddiem ir-renju ta' Spanja. Fil-ftit snin li okkupa din il-kariga akkwsita fama kbira bħala wieħed mill-aqwa deputati u li l-aktar iddefenda l-interessi ta' pajjiżu b'mod attiv. Fost il-proġetti li Varela ppreżenta lir-renju ta' Spanja kolonizzatura nsibu:

- L-indipendenza assuluta ta' Kuba u Puerto Rico.
- Il-għaqda tal-pajjiżi Latino-Amerikani.
- Id-dikjarazzjoni tal-ħelsien ta' l-iskjavi u l-abolizzjoni ta' l-iskjavitù fil-gżira ta' Kuba, kwazi 40 sena qabel ma Lincoln wettaqha fl-Amerika (U.S.A.) u 60 sena qabel ma Josè Martì (patrijott ieħor Kuban) kiteb kontriha bil-pinna mirquma tiegħu. Fil-fatt filwaqt li Felix Varela huwa meqjus bħala ż-żerriegħa kemm ta' l-abolizzjoni ta' l-iskjavitù kif ukoll ta' l-indipendenza ta' Kuba, Josè Martì, bil-kitbiet voluminużi tiegħu, huwa meqjus bħala l-fjura... li ħarġet mill-istess żerriegħa.




***Bolla ddedikata lil P. Felix Varela***

Ir-Re Fernando IV ta' Spanja rnexxielu jissospendi għal kollox il-parlament tad-deputati Kubani għat-tmexxija ta' pajjiżhom u wkoll ikkundanna għall-mewt lil ħafna mill-istess deputati Kubani fosthom lil Padre Fèlix Varela. Dan kien tentattiv bil-għan li Kuba ma tingħatax l-indipendenza mistħoqqa. Minħabba f'hekk Varela kellu jaħrab lejn l-Amerika fejn għex il-bqija ta' ħajtu bħala eżiljat. Għalkemm eżiljat, konvint li l-aħjar triq għal Kuba kienet l-indipendenza mill-ħakma Spanjola, dan is-saċerdot qalbieni rnexxielu jibda l-pubblikazzjoni tal-gazzetta EL HABANERO fejn bil-kitbiet tiegħu wera b'mod l-aktar ċar il-fehmiet politiċi tiegħu. F'din il-pubblikazzjoni afferma, fost affarijiet oħra, li ried jara lil Kuba ħielsa mhux biss fuq livell politiku imma wkoll fuq livell ta' l-ambjent naturali, u ddikjara lilu nnifsu bil-miftuħ favur l-indipendenza ta' Kuba.

Diġà fis-sena 1822 Padre Varela kien meqjus bħala persuna perikuluża, saħansitra mill-istess Kubani qaddejja tar-renju ta' Spanja. Għalhekk ħafna mill-kitbiet tiegħu kienu jiġu moħbija jew maħruqa. Il-kitbiet tiegħu kienu meqjusa bħala theddida għall-istabbilità ta' Kuba bħala kolonja Spanjola. Saħansitra lil wieħed mill-kriminali kbar ta' La Habana f'dik l-epoka, Tuerto Morejòn, ġie mwiegħed is-somma ta' 30.000 peso tad-deheb (somma ferm enormi għal dak iż-żmien) jekk joqtol lil Padre Varela li kien qed jgħix fl-Amerika. Meta sema' b'dan it-tentattiv fuq ħajtu huwa rrisponda u qal: li kien lest li jikxef 30.000 akkuża kontra l-għedewwa tiegħu. Fil-fatt twettqu żewġ attentati fuq ħajtu: l-ewwel wieħed f'Boston meta sparaw fuqu imma ma laqtuhx u l-ieħor meta waqt li kien qed iqaddes f'Chicago splodew *dynamite* fejn, filwaqt li parti mill-knisja ġġarrfet, huwa bil-kalma kollha kompla jiċċelebra l-quddies.

L-isforzi li wettaq Padre Varela għall-indipendenza sħiħa ta' Kuba ma kellhomx suċċess matul ħajtu. Dan ġara prinċipalment għaliex huwa antiċipa l-istorja, kien profeta li antiċipa l-futur fi żmien meta l-istess idea ta' Kuba ħielsa mill-ħakma Spanjola kienet għadha ma daħlitx fil-kuxjenza tal-poplu Kuban. Konvint minn din ir-realtà, għal matul erbgħa u għoxrin sena sħaħ iddedika l-appostolat intens tiegħu fil-belt ta' New York, fejn akkwista l-fama ta' għaref kbir u mhux inqas ta' saċerdot qaddis. Fis-snin li għadda fi New York ippubblika diversi kotba ta' interess kbir bl-Ingliż, kien mexxej f'diversi kummissjonijiet ekkleżjali u membru f'oħrajn. L-Isqof ta' New York, meta ra l-abbiltà tiegħu flimkien ma' l-inteliġenza u l-qdusija li kien jippossiedi, għażlu bħala vigarju tiegħu. Fil-qasam soċjali u pastorali kompla jaħdem favur it-tiġdid ta' l-edukazzjoni u wettaq diversi opri ta' karità favur ir-romol, l-iltiema u l-prostituti.

Il-fama tal-qdusija tiegħu tant kienet kbira li ftit snin wara mewtu ngħata bidu għall-proċess tal-beatifikazzjoni tiegħu. S'issa huwa rikonoxxut biss bħala Serv ta' Alla.

Wara s-sena 1850, is-saħħa ta' Padre Varela bdiet tmur lura. L-attakki ta' l-ażma li kien ibati biha bdew jiżdiedu kull sena sakemm ħass li l-ġisem dgħajjef tiegħu ma setax jirreżisti aktar ix-xitwa ta' New York. Il-qaddis ta' Kuba, hekk kif kien sejjaħlu Josè Martì, mar jgħix f'San Agustìn, fi Florida, il-belt li fiha għex it-tfulija tiegħu flimkien man-nanniet. Hemmhekk mar sabiex imut, skond ix-xewqa tiegħu, kemm jista' jkun qrib ta' Kuba, il-pajjiż tant għal qalbu. Rispettat u maħbub minn kulħadd, għax kulħadd kien iqisu bħala tassew qaddis, hemmhekk għadda l-aħħar tliet snin ta' ħajtu jagħti pariri siewja liż-żgħażagħ, ifarrag lill-foqra u lill-morda u mhux inqas idoqq il-vjolin sabiex iferraħ b'mod speċjali lit-tfal.

Huwa miet fl-età ta' 65 sena, nhar il-25 ta' Frar 1853. Il-fdalijiet tal-ġisem tiegħu huma miġbura f'urna u mqiegħda fl-Awla Magna ta' l-Università ta' La Habana.

Illum Padre Fèlix Varela huwa meqjus bħala wieħed mill-patrijotti ewlenin ta' Kuba. Huwa, bħala indipendentista, kien wieħed minn ta' l-ewwel li b'abbiltà, intelliġenza u patriottiżmu żera' l-ewwel żerriegħa favur l-indipendenza ta' Kuba. Għalkemm huwa personaġġ ekkleżjastiku jgawdi stima kbira fuq livell nazzjonali mill-Istat ta' Kuba... għalkemm mhux dejjem jiġi ppreżentat bħala saċerdot kattoliku. Diversi skejjel, oqsma ta' kultura u organizzazzjonijiet ta' qasam edukattiv iġibu l-isem ta' Varela. ❑

## Ordinazzjonijiet fil-Kenja

Fl-14 ta' Diċembru Ħuna Peter Waweru OFMCap ġie ordnat saċerdot, filwaqt li Ħutna Emmanuel Kamrata OFMCap u George MuthakaOFMCap kellhom jiġu ordnati djakni. Din l-ordinazzjoni ser issir fil-parroċċa ta' Magaga mill-Isqof Awżiljarju ta' Nairobi, Mons. David Kamau.

Lil dawn Ħutna nifirħulhom filwaqt li nitolbu għalihom sabiex ikunu tassew strumenti ta' paċi speċjalment f'pajjiżhom, il-Kenja.

Nittamaw li jaslulna xi ritratti ta' dawn l-okkażjonijiet.

## Isqof ġdid fil-Kenja

Il-Qdusija tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II innomina lil Fr. Cornelius Schilder, saċerdot missjunaru Olandiż tal-kongregazzjoni tal-*Mill Hill Missioneries* bħala l-isqof il-ġdid tad-djoċesi ta' Ngong fil-Kenja. Fr. Cornelius kien kappillan għal seba' snin (1991-1998) fil-parroċċa ta' Tarasaa fid-djoċesi ta' Garissa, fil-Kenja. Għal dawn l-aħħar sentejn kien elett bħala s-Superjur Reġjonali tal-*Mill Hill Missionaries* fl-Afrika ta' Lvant.



Nawguraw lil dan l-isqof ġdid fil-Kenja u rroddulu ħajr tal-ħidma tiegħu li wettaq kemm dam jagħti s-servizz tiegħu, bħala kappillan tal-parroċċa ta' Tarasaa, lill-Isqof ta' Garissa, Mons. Paul Darmanin OFMCap.

## L-GĦOMJA JARAW

Wara l-appell li sar f'din ir-rivista u fuq il-ġurnali lokali biex tingħata għajnuna lill-għomja fid-djoċesi ta' Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof tad-djoċesi ta' Malindi fil-Kenja, irċevejna ittra mingħand Mons. Baldacchino biex jirringrazzja u jtenni l-appell tiegħu. Hawn qed inġibu l-ittra tiegħu.



*Għaziz Fr Joe Alessandro,*

*Nixtieq niżżi ħajr lill-benefatturi kollha li għamlu xi offerta għall-proġett "L-Għomja Jaraw" fid-djoċesi ta' Malindi, Kenja. Grazzi wkoll tal-kooperazzjoni tiegħek permezz ta' Dawl Franġiskan. Dr. Dan Kiage ta' Lighthouse for Cyst Eye Centre għadu kemm għarrafni li bejn 11-16 ta' Novembru 2002, għamlu Eye-Camp fil-Klinika tagħna ta' Baharini, Mpeketoni, fejn eżaminaw 1010 pazjent u operaw 80 marid bil-kataretti. Fit-3 ta' Diċembru se nibdew kampanja oħra fil-parroċċa ta' Wema u l-irħula ta' madwarha biex nagħmlu Eye-Camp ieħor lejn nofs is-sena fil-Klinika ta' Wema. Grazzi ħafna.*

*+ Frans Baldacchino OFMCap*
*Isqof ta' Malindi, Kenja*

Int tista' tgħin biex dan il-proġett, li beda u ħalli ħafna ġid, ikun jista' jitkompla. Diġà ħafna persuni ġew ikkurati. Hemm oħrajn li qegħdin jistennew. Int tista' tgħin billi tagħmel l-għotja tiegħek, żgħira kemm hi żgħir.

L-għotjiet jistgħu jitħallew ma' Fr. Joe Alessandro OFMCap, Kunvent tal-Kapuċċini, Triq F.X. Fenech, Floriana VLT 14, Tel 21233874/21225525/21234949. Għal kull għotja tintbagħat irċevuta.



# Ħajr: *BAZAAR*



Il-*Bazaar* li kellna mit-23 sat-30 ta' Novembru 2002, b'riżq il-missjoni tal-Franġiskani Kapuċċini Maltin kien suċċess. Għaldaqstant is-Segretarjat tal-Missjoni jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom, fosthom: il-Grupp Familji Franġiskani li armaw u qagħdu mal-*Bazaar* għal ġimgħa sħiħa b'dedikazzjoni u sagrifiċċju, kif ukoll lill-*helpers* ta' l-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini. Ħajr ukoll lil dawk li offrew affarijiet, fosthom il-Gwardjani u l-Kappillani tal-knejjes tagħna, lill-Gruppi ta' Talb ta' S. Piju minn Pietrelcina, u lil kull min ta oġġetti varji bħalma huma oġġetti tal-kċina, *christmas decorations*, pjanti, kotba, *toys*, ħwejjeġ ġodda u affarijiet oħra.



Nirringrazzjaw ukoll lill-*media* - gazzetti u radjijiet - li taw pubbliċità lil din l-attività. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzjaw lil dawk kollha li ġew, raw u xtraw mill-*bazaar*.

Napprezzaw ħafna jekk ikun hemm min joffri oġġetti b'riżq il-missjoni li jistgħu iservu għal *bazaar* ieħor aktar 'il quddiem, bħalma huma kotba jew oġġetti oħra (mhux ħwejjeġ) li jistgħu jkunu utli.





# Dar ġdida għal Suret il-Bniedem



Fid-9 ta' Novembru, il-fundazzjoni **Suret il-Bniedem** fetħet it-tieni dar tagħha. Din il-fundazzjoni tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini, imwaqqfa bl-inizjattiva ta' Ħuna P. Leopoldu Tabone OFMCap, tipprovdi saqaf għall-persuni li m'għandhomx fejn joqgħodu minħabba xi raġuni jew oħra. Flimkien mad-dar li hemm fil-Gżira għall-irġiel, issa nfetħet dar oħra, 'Tereża Spinelli', fil-Belt Valletta sabiex tipprovdi dan is-servizz lin-nisa u t-tfal tagħhom. Id-dar infetħet mill-Ministru Lawrence Gonzi u ġiet imbierka mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca. Ħutna Br Joe Vella OFMCap u P. Joe Calleja OFMCap qed jagħtu s-servizz tagħhom f'dawn id-djar li permezz tagħhom nistgħu nkomplu nwettqu fil-prattika dak li jitlob minna l-Evanġelju. ❑

minn P. Frans Abela OFMCap

# Altruwiżmu fit-talb

L-EWWEL PARTI

## Nitgħallmu minn Kristu

Talb li jsir minn min jitlob għall-ħtiġijiet personali tiegħu biss hu talb immankat, difettuż. Bħal min jitlob għax iħoss ċertu sodisfazzjon spiritwali, tip ta' axxetika buddista. Talb ta' dix-xorta hu ċertament egoistiku u ferm 'il bogħod mill-mod li bih kien jitlob Ġesù li: "ma fittixx li jogħġob lilu nnifsu" (Rum 15, 3). Infatti, għalkemm min-naħa waħda Ġesù għallem u ħeġġeġ għat-talb ta' intimità personali mal-Missier: "Meta titlob idħol fil-kamra tiegħek, agħlaq il-bieb u itlob lil Missierek li qiegħed fil-moħbi" (Mt 6, 6); min-naħa l-oħra Ġesù jridna ndaħħlu magħna f'kamartna l-ħtiġijiet ta' l-oħrajn ukoll, tant li meta għallimna nitolbu bit-talba tal-Missierna, qalilna ngħidu: "ħobżna ta' kuljum agħtina" u mhux "ħobżi agħtini", "aħfrilna dnubietna" u mhux "aħfirli dnubieti", "iddaħħalniex fit-tiġrib" u mhux "iddaħħalnix fit-tiġrib" u "eħlisna mid-deni" u mhux "eħlisni mid-deni" (Mt 6, 9-13).

Anki l-mirakli li għamel ma għamilhomx għal xi sodisfazzjon personali, imma biex jgħallimna li bil-ġid li kien isir bihom kien jiġi msebbaħ Missieru: "Jien sebbaħtek fuq l-art, temmejt il-ħidma li tajtni nagħmel" (Ġw 17, 4).



*San Franġisk u l-Kurċifiss – Pittura fil-Katidral ta' Oristano, Italja*

Qabel ma ndaħħluha f'rasna li b'talbna aħna nkunu qed nagħmluha ta' medjaturi bejn kemm Alla hu lest li jroxx grazzji u kemm ħutna għandhom bżonn jaqilgħu, ma nistgħux nitqiesu b'nies li jafu jitolbu sewwa. Dan hu preċiż dak li għandna u nistgħu nitgħallmu minn diversi episodji tal-Bibbja li toffrilna eżempji ta' medjazzjoni bħal fil-każ ta' l-insistenza fitta min-naħa ta' Abraham biex il-kastig imdendel fuq ras Sodoma u Gomorra jiġi skansat, u bħall-kapaċità ta' Mosè li għamilha ta' avukat bejn il-Mulej u l-poplu tiegħu li kien lest li jeqirdu għall-infedeltà u l-idolatrija tiegħu (Eż 32, 10).

Imma billi fir-realtà Ġesù hu "l-medjatur waħdieni bejn Alla u l-bnedmin" (1Tim 2, 5), minħabba li hu jagħti valur divin lil kull medjazzjoni umana, fih insibu l-ogħla mudell ta' medjatur li, meta mżeblaħ u msammar mas-salib, talab lil Missieru, bi ħniena kbira, maħfra għal min ħaqru. ❑

minn Elaine Agius GiFra

# Ix-xogħol

Kull wieħed u waħda minnha jista' jħares lejn ix-xogħol tiegħu b'mod differenti. Hawn min jara x-xogħol bħala strapazz għax trid tqum kmieni filgħodu u tħabbat wiċċek mal-problemi ta' kuljum. Mill-banda l-oħra, hawn min jara x-xogħol tiegħu bħala opportunità sabiħa lejn jiltaqa' ma' nies oħra u jqisu bħala mezz kif jista' jgħin lil ħaddieħor.

Għalina l-insara, ix-xogħol għandu jkun qima lejn Alla. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jisħaq li x-xogħol ta' idejn il-bniedem huwa kreattiv. B'hekk nissieħbu ma' Alla fix-xogħol tal-ħolqien.

Huwa importanti wkoll li nieqfu mix-xogħol u nsibu ħin għall-mistrieħ. M'għandniex inkunu skjavi tax-xogħol. Fil-Bibbja stess insibu li Alla huwa ppreżentat bħala ħaddiem li fis-seba' jum jistrieħ wara x-xogħol li kien għamel (Ġen 2, 2). Ġesù wkoll huwa ppreżentat bħala ħaddiem. Kien mastrudaxxa bħal missieru Ġużeppi (Mk 6, 1-6). Fuq ix-xogħol tagħna għandna nkunu umli bħalma kien Ġesù meta ħasel riġlejn l-Appostli kif nisimgħu fir-rakkont ta' l-Aħħar Ċena (Ġw 13, 4-15). Ix-xogħol huwa wkoll attività soċjali. Wieħed irid jgħin u jikkoopera mal-kollegi tiegħu għax kulħadd jiddependi minn xulxin. B'hekk ikun hemm atmosfera ferriħija u għaqda fuq il-post tax-xogħol.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħid li bil-mod kif naċċettaw l-aspetti negattivi tax-xogħol tagħna nkunu qed insibu parti żgħira mis-salib ta' Kristu.

Fix-xogħol tagħna għandna nħaddmu t-talenti li Alla żejjinna bihom biex nisimgħu l-kliem ta' Kristu li għidilna: "Tajjeb, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit u jien se nafdalek ħafna: idħol fil-hena ta' sidek" (Mt 25, 21). ❑



minn Mons. Frans Baldacchino OFMCap – Isqof ta' Malindi, Kenja

# L-Ommijiet jifhmu 'l xulxin

Darba kont qed nisma' mara titkellem dwar iż-żjara ta' Marija lil qariba tagħha Santa Elizabetta. Għamlet xi riflessjonijiet li iktar jiġu f'moħħ mara milli f'moħħ saċerdot. Se nikteb dak li niftakar.

Kull xebba, kemm min-natura tagħha, mill-kuntatt m'ommha u ħutha li trid tieħu ħsiebhom, u minn kliem ommha li tħoss id-dmir li tħejjiha għal meta tikber, spiss taħseb f'ġisimha u fil-jum meta għad issir omm. Tieħu gost tisma' u titkellem dwar sħabha li tgħarrsu, iżżewġu u qegħdin jistennew l-ewwel tarbija. Ma tonqosx li tmur għat-tieġ tagħhom u għall-magħmudija tat-tarbija.

Elizabetta u Marija, it-tnejn sabu ruħhom f'qagħda partikulari. Elizabetta fi xbubitha kienet bħax-xebbiet l-oħra kollha: taħseb f'dak il-jum meta għad tiżżewweġ u jkollha l-ewwel tarbija. Imqar wara li żżewġet u ħasbet li se ssir omm bħalhom, kull xahar u kull sena l-biża' kien isirilha realtà: se tibqa' mingħajr tfal. Meta tkun ma' nisa bħalha, li kollha jġorru 'l uliedhom magħhom u jitkellmu dwar l-hena u t-tħassib li ġġib it-trobbija tagħhom, kienet tħoss swied ta' qalb. Ebda festa mhi sħiħa jekk ma jeħdux sehem fiha t-tfal: jiżfnu, ikantaw u jilagħbu. Mhux l-ewwel darba li ħadet xi kelma ta' xi mara oħra bħala botta għaliha. Oħrajn, iktar prudenti, kienu jqisu kliemhom meta jiġu biex jitkellmu fuq it-tfal quddiemha.



*Iż-żjara ta' Marija lil Elizabetta*
*Pittura ta' Bartholomeus Zeitblom (1450-1521)*

Kienet tqabbel lilha nnifisha ma' Anna omm Samweli, li, imweġġa' mit-tmaqdir ta' Peninna, kienet tinfexx tibki u titlob 'l Alla. Imma dik Alla kien semagħha, neħħielha l-għajb tagħha u ta tifel li għamel ġieħ lil niesu u 'l Alla. Żewġha li kien qasiss, żgur li kien jgħidilha kif Anna oħra, wara li romlot, kienet ingħatat għall-qadi tat-tempju. Mart Manoa wkoll kienet ħawla, u Alla taha tifel, Sansun, li ħeles lill-poplu tiegħu minn taħt il-madmad tal-Filistin.

Ħbiebha kienu jitħassruha u hi kienet tistħi minnhom. Min jaf kemm-il darba twarrbet biex tmur tibki waħidha. Sarah, mgħobbija bil-mistħija li ma kellhiex ħila tagħti frott lil Abraham, ħajritu jġib wild mill-qaddejja tagħha Hagar. Elkanah iżżewweġ lil Peninna. Imma lil dawn ukoll Alla ħenn għalihom u biddlilhom in-niket tagħhom f'hena. Isakk kien iben il-wegħda u patrijarka, Samwel profeta u qassis t'Alla, Sansun, imħallef li ħeles il-poplu mill-Filistin. Alla seta' jagħmel miraklu magħha wkoll.

Hi kienet titħassar lil żewġha li kien jistħi jersaq lejn sħabu l-irġiel, li kollha kellhom ulied li se jżommulhom isimhom ħaj u jirtu ġidhom. Żakkarija kien raġel meqjum fost sħabu u fit-tempju. Bniedem ta' Alla, imqar jekk forsi, bħalma kienu jaħsbu dak iż-żmien, kien iżomm li d-difett kien ġej minn martu. Xorta baqa' fidil lejha u żammha miegħu, sakemm ra d-dlam tat-tmiem li kien riesaq lejh minħabba fi xjuħitu, u bħas-soltu fetaħ qalbu fit-talb b'ħerqa u fidi iktar qawwija.

Marija kienet xebba bħall-oħrajn kollha. Kienet imqar tgħarrset ma' Ġużeppi. Niesha kollha kienu jistennew li xi darba għad titqal u twelldilhom tarbija, jekk jista' jkun tifel, li jġorr isem missieru għal nisel ieħor. Qdusitha kienet twissiha li għandha dejjem tqis li tagħmel ir-rieda ta' Alla. Ġużeppi kien jaħseb l-istess. Kienu jinħabbu u jafdaw f'xulxin, imqar jekk kienu għadhom ma marrux joqogħdu flimkien.

**L-Id ta' Alla**

Eliżabetta sfat tqila meta qatt ma stennietu; Marija saret omm b'mod li qatt ma nstema'. Eliżabetta u n-nisa l-oħra kienu qishom siġra tal-frott, xiħa u niexfa, li b'għaġeb kbir f'daqqa warrdet u tat il-frott. Marija kienet ġilju sabiħ mistenni jgħaxxaq l-għajnejn u l-imnifsejn, li b'għaġeb ikbar nawwar u ta frott l-aktar bnin: qamħ li jaħji, inbid li jferraħ u żebbuġ li jdewwi l-qalb: Ġesù Kristu.

Hekk kif mara tintebaħ li saret omm dlonk tgħarraf lil żewġħha, lil ommha, lil ħutha u niesha, u tkompli xxerred l-aħbar ma' ħbiebha kollha. Il-hena tagħha jnissel ferħ f'kull min isir jaf. Għal xi żmien kulħadd ikun jitkellem fuqha. In-nisa jibdew jgħoddulha x-xhur u jinnotawha tinbidel. Eliżabetta u Marija wkoll kellhom għalfejn ifuru bil-ferħ. Bejn iridu jżommu kollox mistur f'qalbhom u bejn iħossu l-bżonn li jxandruh ma' kullimkien.

L-aħbar ta' Eliżabetta xterdet mar-raħal kollu: hi ferħet u stħat, u nħbiet għal ħames xhur. Imma n-nisa kienu jafu sewwa meta kellha twelled, dik li kienet qatgħet qalbha. Bla dubju ta' xejn fl-aħħar xhur tat-tqala l-omm tapprezza ħafna l-preżenza ta' mara oħra biex tgħinha, toqgħod magħha u titkellem magħha. Mhux għax f'raħal żgħir bħal Għajn Karen ma kienx hemm xi ġara li ma kinetx tmur taraha. Kull ġara kienet ħerqana biex tara din it-tarbija ta' l-għaġeb.



Marija, min-naħa tagħha, ma tantx setgħet taqsam dan il-ferħ tagħha. Ġużeppi kien iħobbha, imma kien jaf li t-tarbija ma kinetx tiegħu. L-anġlu kien serraħlu moħħu; imma mhux bil-fors li hu kien serraħ moħħ niesu u niesha, u moħħ il-ġirien. Għalkemm qaddisa, xorta setgħet kellha xi ħadd għajjur għaliha, li seta' sab il-waqt biex jitfa' xi dell ikrah fuqha. Il-Liġi ta' Mosè kienet thedded li tħaġġarha sakemm tmut!

Din Marija, mimlija ħeġġa, ferħ u ħerqa biex tfaħħar 'l Alla, biex taqsam dak li semgħet, li ntqalilha u li ġralha, ma' xi ħadd li seta jifhimha, qabdet it-triq lejn Għajn Karen. Wara vjaġġ ta' erbat ijiem lemħet ir-raħal tal-qaribha. Qalbha qabżet bil-ferħ. Kellha seba' mitt sena li tasal u tiltaqa' ma Eliżabetta.

Hu magħruf kif mara tqila, riesqa lejn it-twelid, issir sensittiva għall-movimenti tal-ħlejqa f'ġufha u għal dak kollu li jiġri madwarha. Din il-laqgħa kienet ferm aqwa minn waħda ta' żewġ nisa bħall-oħrajn. Ħin bla waqt, iż-żewġ nisa sabu ruħhom mgħannqin ma' xulxin: dmugħ, bews u tmellis, imma b'tant rispett, għax kull waħda kienet taf li l-oħra kienet ġiet mimsusa mill-id ħanina tal-grazzja ta' Alla. It-tnejn kienu mirakulużi; uliedhom kienu rigali l-aktar qaddisa: wieħed magħżul biex iħejji t-triq ta' l-ieħor.

Imma l-qofol ta' din il-ġrajja kienet il-laqgħa u t-tagħniqa tat-trabi: Ġesù u Ġwanni. Eliżabetta tħoss lil binha jaqbeż f'ġufha; mewġa ta' demm sħun tħammrilha ħaddejha u tinfexx tfaħħar 'l Alla, lil Marija u lil binha. L-istess Spirtu jaħkem lil Marija li, hi wkoll, tferra' l-hena ta' qalbha fit-tifħir 'l Alla.

Is-Setgħani kien nisġilhom id-destin tagħhom flimkien. Uliedhom kienu magħżulin minn Alla biex ikunu mogħtija lilu għal kollox. Ħidmiethom kienet mezz ta' konverżjoni u salvazzjoni ta' bosta. Kliemhom ma kienx dak biss li jogħġob lis-semmiegħa: kellhom jieqfu mqar lis-setgħana. Bin Eliżabetta, Ġwanni, kellu jisfa' maqtul minħabba l-qdusija taż-żwieġ; bin Marija, Ġesù, kellu jiġi magħdud mal-ħżiena għax għallem li kien l-Iben ta' Alla li sar bniedem biex jifdi l-bnedmin u jħabbibhom ma' Alla.

Kienu ommijiet ta' ġuvintur li kellhom jiġu meqjusa bħala kriminali u ma jistħoqqilhomx jgħixu! Aktarx li Eliżabetta ma ratx it-traġedja ta' qtugħ ras binha; imma Marija ratu mdendel mas-salib, jikrob bl-uġigħ u jmut quddiem għajnejha bla ma tista' teħilsu, tgħinu, tfarrġu jew tagħtih qatra ilma.

F'Għajn Karen Marija qalet: *Min issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, u qaddis hu ismu.*

Eliżabetta stagħġbet: *U minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?*

Kull omm iżżomm elf sigriet f'qalbha u f'darha. Wisq iżjed dawn iż-żewġ ommijiet. ❑

minn Lina Brockdorff OFS

# Nixtieq nerġa' narak, Frankie

Laura u Marisa niżlu fil-kantina. Għal Laura l-kantina kienet dak il-lok fejn twarrab, torfa' u tgezzez dawk il-ħafna affarijiet li ma kinetx tinħtieġ kuljum fid-dar. Hemm isfel kienet tinżel mill-inqas għax biex issib xi ħaġa minn hemm trid titlef il-ħin, u għal Laura l-ħin kien wisq għażiż.

Għal bintha Marisa l-kantina kienet qisha l-għar ta' Aladin, li fih dejjem issib xi ħaġa interessanti, li qatt ma kienet taf biha qabel. Sa minn ċkunitha l-kantina kienet l-isbaħ ħolma tagħha, għax fuq kollox trabbiet mingħajr aħwa, u missierha ħallieha ta' ftit xhur u għalhekk għaliha l-kantina kienet il-post fejn tilgħab, toħlom u fejn tfittex avventuri.



Imma ftit kienu d-drabi li l-omm u l-bint niżlu hemm flimkien. Dak in-nhar kien differenti... għax Marisa, li issa kellha sbatax-il sena, kienet bdiet titħarreġ fl-arti tal-pittura u tal-fuħħar. L-omm kien għad għandha hemm isfel xi rigali tat-tieġ li qatt ma wżat jew li qatt ma kellha fejn tqegħedhom. Fost l-affarijiet li kellha hi ftakret li kellha vażun gustuż ferm. Imma dak ma kienx rigal tat-tieġ! Dak kien rigal ieħor, li darba rat ġo vetrina waqt li kienet ma' Frankie u wara jumejn waslilha d-dar. Kienu namrati, tista' tgħid kważl għarajjes, imma x-xitan ma ħamilx!

Dan l-aħħar ftakret fil-vażun għax kumbinazzjoni Marisa kienet qed toħroġ spiss ma' ġuvnott li kunjomu kien l-istess bħal ta' Frankie; u għalkemm 'l Frankie kienet ilha ma tarah madwar għoxrin sena, f'salt wieħed indunat li bdew ġejjin lura t-tifkiriet u, bħala skuża li turih lil bintha, xtaqet li terġa' ssib u tara u żżomm f'idejha dak il-vażun.

Niżlu hemm Isfel u wara xi nofs siegħa jiftħu u jagħlqu l-kaxex, ifarfru u jwarrbu kaxex oħra rnexxielhom isibu l-vażun li kienu jfittxu. Laura ħarġet il-vażun mill-kaxxa, refgħetu u qegħditu fuq mejda u damet tħares lejh mhux ħażin. Kienet forsi qed timmaġina Marisa meta rat għajnejn ommha jleqqu aktar mis-soltu jew setgħet kienet l-għabra ta' l-għeluq ta' hemm isfel!

"Hawn hu, dan hu..." qaltilha, wara li qisha ġiet f'sensieha wara raqda twila, "Attenta, ibża' għalih, arah kemm hu sbejjaħ! Qatt rajt bħalu?"

Marisa kienet ġa għandha x-xeħta ta' esperta f'dawn l-affarijiet. Bil-ħlewwa ressqet il-vażun lejha u dawritu wiċċu 'l isfel biex taqra l-marka tad-dar fejn kien sar snin ilu.

"Ġermaniż, ikolli ngħid... sabiħ u għandu lwien delikati..." u waqt li qed tgħid hekk u baqgħet iddawwar il-vażun biljett żgħir waqa' minn ġo fih għal fuq riġlejha u kienet hi stess li ġabritu. Kienet nota miktuba b'karattru kbir u sabiħ fuq karta fina li fuqha kien hemm stampata warda. Mingħajr ma riedet għajnejha marru fuq il-firma soda u ċara 'Frankie'.

Għaddiet il-biljett lil ommha mingħajr ebda kelma. Marisa, għalkemm kien għad għandha biss sbatax-il sena kienet matura daqs mara u kienet ġa taf meta għandha trażżan ilsienha. Imma, jekk qabel kellha xi dubju jekk kienx it-trab li nidda għajnejn ommha... issa d-dubju kien inħall għal kollox... l-istess kif ir-raġġi tax-xemx idewbu l-iktar silġ iebes. L-omm u l-bint ħarsu lejn xulxin u fehmu ħafna, f'dik il-kantina, aktarx mudlama u kiesħa, kienu ħarsu lejn xulxin u fehmu 'l xulxin mhux kif jifhmu 'l xulxin omm u bint biss, imma kif żewġ nisa b'qalb ta' nisa magħfusa b'xi dulur iħarsu lejn xulxin.

Marisa kienet miġbuda wisq lejn ommha u barra li kienet tħobbha, għax kull maħluq iħobb lil min ġiebu fid-dinja, hi kellha għaliha rispett u ammirazzjoni li ftit setgħet tagħti lil nisa oħra. Imma b'dan kollu kellha tammetti li f'ċerti affarijiet lil ommha ma kienet tifhimha xejn: kienet enigma!

Kienet għadha ferm żagħżugħa meta mitilha r-raġel, mara gustuża u li taf tmur man-nies. Marisa setgħet

timmaġina li kien hemm min xtaq li jerġa' jagħmilha hienja... imma hi qatt ma tat widen. Dan kien beda dan l-aħħar jinkwetaha lil Marisa li issa wkoll kienet qisha bħal blanzun ta' warda li beda jbexxaq għax-xemx hu wkoll.

Hekk sa fil-għaxija l-ebda kelma oħra ma ntqalet dwar il-vażun, imma ż-żewġ nisa tgħallmu u fehmu bosta għax kultant huwa s-silenzju li għandu l-aktar xi jgħidilna.

Il-kumplament tal-jum għadda kif jgħaddu jiem oħra, bid-differenza li issa l-omm u l-bint ħassew bħal qisha kien hemm ħolqa oħra li qed tgħaqqadhom. Qabel raqdet Laura marret bħas-soltu tixtieq lil bintha l-lejl it-tajjeb. Sa minn ċkunitha Marisa kienet drat dak il-ħin għażiż ta' qabel l-irqad: kien il-ħin meta ommha tħalli kollox u tinsa kollox. Mat-trobbija dik is-sodda kienet semgħet kemm-il storja u kemm-il tnehida... kemm-il daħka u kemm-il ċajta... u issa kien beda ż-żmien ukoll ta' xi sigriet żgħir... ta' tamiet u ta' ħolm għal Marisa. Imma dak in-nhar ħsiebha kien biss f'ommha... u issa kienu għajnejn Marisa li bdew ileqqu.

U Laura ndunat... u Laura inkwetat.. għax aħjar mitt darba wġigħ u pwieni għal qalbha milli tara demgħa waħda fuq xfar għajnejn bintha. Imma hi żammet kalma, kienet taf li ħin jew ieħor ser titkellem bintha u tkun taf min hu l-kiefer li qed iweġġgħalha qalbha. Ma kellhiex iddum wisq tistenna.

Aħna l-kbar nafu nagħżlu l-waqt meta nifthu ħalqna, imma ż-żgħażagħ tallum mhux hekk; forsi għax jemmnu li l-aħjar li tkun spontanju, jew għax għad m'għandhomx biżżejjed esperjenza tal-ħajja... intant iż-żgħar jaħsbuha mod ieħor minna, ukoll jekk dawk ikunu maturi.

"Ma, nixtieq ngħidlek xi ħaġa... Missier Tonio, it-tfajjel li noħroġ miegħu... missieru jismu Frankie. Ili biex ngħidlek imma... qatt ma sibt iċ-ċans... darba qalli li lilek jiftakrek... li jixtieq jerġa' jarak... Jista' jkun huwa l-istess Frankie li kien tak il-vażun?"

"Iva, Marisa", wieġbet bla tlaqliq Laura, "hu l-istess Frankie li tani l-vażun. Imma dak ilu... dak kien żmien ieħor... konna għadna żgħażagħ... illum..."

"Ma, jien naħseb li l-età ma għandhiex x'taqsam ma..."

"Il-lejl kien infern sħiħ għal Laura. Ma kienx vażun li fettlilha tivvinta. Lil Frankie kienet ħabbitu sħiħ, imma Laura minn dejjem kienet bniedma prattika u meta rat li l-imħabba tagħhom ma kellhiex futur baxxiet rasha, bkietu għal żmien twil u batiet sa ma nsietu... jew ħasbet li nsietu. U issa wara għoxrin sena li ħasbet li kienet insietu għal kollox ismu u tifkirietu siltulha d-dmugħ u ġiegħlu 'l qalbha tħabbat qawwi u għall-ewwel darba fi snin twal reġgħet bdiet toħlom.

Qatt ma kienet ratu aktar. Min jaf jekk iż-żmien kienx għamel wisq bih! Min jaf martu x'fatta hi? ... u fuq kollox min jaf dan Tonio li deher miġbud lejn Marisa tagħha... min jaf... u jekk xi darba għad terġa' tħabbat wiċċha miegħu! ... U kellu l-wiċċ tost imur jgħid lil bintha li kien jiftakarha! Għoxrin sena ilu t-taqbida kienet iebsa, imma milli jidher din id-darba kienet ser tkun aktar ħarxa.

Qabel raqdet marret quddiem il-mera u għal żmien twil studjat dak il-wiċċ li beda jħares lejha. Iż-żmien ma kienx kontriha għal kollox, ma kienx ħaqarha żżejjed, u li kieku kellu jerġa' jaraha...

Sabbtet idejha mgħaqqdin ponn fuq it-twaletta u wara nfexxet tolfoq... imissha tistħi, lanqas li kienet tfajla ta' għoxrin sena ma jmissha tħalli l-immaġinazzzjoni taħrab biha. Frankie kien miżżewweġ u għaliha Frankie seta' kien mejjet... ħlief... li kieku kien mejjet żgur li qatt ma tarah aktar, waqt li issa kien hemm il-biża' li xi darba tħabbat wiċċha miegħu!

L-għada Marisa kellha tiltaqa' ma' Toniȯ. Ommha bdiet tgħodd il-minuti u s-sekondi li bintha tiġi lura, qisha li magħha bdiet tistenna xi tweġiba, xi konsolazzjoni minħabba l-fatt li kienet iltaqgħet ma' iben Frankie. X'ħin Marsia waslet daħlet f'kamritha bla kliem.

Imma filgħaxija Laura reġgħet marret fejn bintha, u għalkemm kellha rieda ta' l-azzar din id-darba l-kurżità għelbitha u staqsiet: "Għidtli, Marisa... inti ltqajt ma' missier Tonio... lil ommu qatt rajtha? Kif inhi? ... Ħelwa xejn? ..."

"Ma, jien m'ilix nafu wisq lil Tonio..."

"Imma 'l missieru rajtu..."

"Iva, imma ommu ilha mejta xi sitt snin!"

Qabel daħlet fis-sodda Laura marret fis-salott fejn kien hemm il-vażun li tela' mill-kantina. Ħaddnitu magħha, ħasset li minn taħt il-fjamma mitfija kienu roġgħu bdow ikcbbsu l ġamar... u minn taħt l-ilsien qalet: "jien ukoll... nixtieq nerġa' narak, Frankie!" ❑



# Ejjew għax ġie l-Mulej


***minn Profs. Oliver Friggieri***


***fuq melodija ta' Felice de Giardini (1716-1796)***

Ejjew għax ġie l-Feddej
u magħkom ġibu l-ferħ
li takom hu.
Bil-ferħ ifthulu t-triq,
żejnulu l-mogħdijiet
minn fejn se jgħaddi hu,
Feddej tal-ġnus.

Hu jżomm ma' l-imsawtin,
hu jxaqleb lejn iż-żgħar
u mhux mal-kbar.
Hu jħobb lill-fqar ta' l-art,
jagħżilhom mill-oħrajn,
u lilhom jagħti biss
il-jedd u l-ġid.

Jistmerr lis-setgħanin,
lill-għonja qatt ma jrodd
il-ġid ta' idejh.
Id-dar fejn jgħammar hu
felaħħa lill-fqajrin
li ntrifsu mill-oħrajn
u m'għandhom xejn.

Hu qatt ma kellu xejn
mill-ġid ta' fuq din l-art,
kien fqir mal-fqar.
In-nies il-kbar maqdruh
u xlewh quddiem kulħadd,
imbagħad għabbewh salib
biex tawh il-mewt.

Illum bħal dak in-nhar
hu baqa' jżomm man-nies
iż-żgħar ta' l-art.
Għalihom ħejja dar
xi mkien 'il bogħod minn hawn,
id-dar tal-magħżulin,
għalihom biss.

Bla dehbijiet u ġid,
bla fided u tlellix
hu rebaħ l-art.
U bħalu jirbħu wkoll
in-nies li jagħżel hu,
l-imkasbra, l-imsawtin,
in-nies iż-żgħar.

# TISLIBA 30


***minn P. Wistin ATTARD ofm cap***




1. Hemm bosta minnhom. (1 Kor 14, 10) (5)
2. Imkasbra din. (Is 23, 12) (6)
3. Toqgħod f'wiċċ l-ilma. (Hos 10, 7) (5)
4. Sal- ... ta' Boħan. (Ġż 15, 6) (5)
5. Kitbiet dwar l-appostli. (4)
6. B'ferħ *iktar kbir.* (3 Ġw 4) (5)
7. Din kienet ta' fuq (Ġw 21, 7) (5)
8. L-għadu għad idawwarhielek. (Għam 3, 11) (5)
9. Inkaljat jew hekk. (Lev 23, 14) (3)
10. Se tkun ukoll .... (Koħ 2, 15) (7)
11. u 12. Tad-dnubiet. (Efes 1, 7) (6)
13. Din biex nimxu fuqha. (Gal 6, 16) (6)
14. Għamlu hekk fil-ħwejjeġ tas-sema. (Kol 3, 2) (5)
15. Pawlu jgħid li sabha. (1 Tim 1, 13.16) (5)
16. Hekk għamilt bil-Mulej. (1 Slat 1, 17) (5)
17. Telqu 'l dawn u daru lejn Alla. (1 Tess 1, 9) (5)
18. Mit-torri ta' dan. (Żak 14, 10) (7)
19. Kienu jiżżejnu u kienu qaddisa (1 Pt 3, 5) (4)
20. Il-veġġent ta' David. (2 Sam 24, 11) (3)
21. Jalla tirgħa f' .... (Mik 7, 14) (5)
22. Dawn saru jafu. (Lq 9, 11) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' DIĊEMBRU:***

*1. u 14. Nadab - Abiħu; 2. Distru; 3. Karru; 4. Mimmi; 5. Mosè; 6. Armla; 7. Abija; 8. Iġorr; 9. Art; 10. Rumnell; 11. u 12. Tummim; 13. Irħula; 14. Ara 1.; 15. Raħab; 16. Timxu; 17. Ittri; 18. Barbari; 19. Rħam; 20. Ħut; 21. Ħmara; 22. Xalar.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija:**
**Ms. Josephine Tonna - Msida**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1996).**

minn Carmelo Aquilina

# L-Istorja Vokazzjonali ta' Carmelo

Jiena Carmelo Aquilina mis-Siggiewi u twelidt fl-1967. Bdejt iż-żmien tal-formazzjoni tiegħi proprju fis-sena 2001. Nisthajlek tgħid li għandi età mhux ħażin! Ħabib/a qatt mhu tard għal Alla! Kelli trobbija tajba ħafna u attendejt il-MUSEUM sakemm kelli 15-il sena. Però, meta tlaqt mill-MUSEUM, abbandunajt kollox. Iż-żgħożija għallmitni ħafna affarijiet ġodda għalija.

Sa l-1998 kelli l-inġinerija tiegħi, ħafna xogħol, kont naħdem in-nar ta' l-art, kont għarus u saħansitra kellna anke l-post tagħna.

Ġara li meta kelli 30 sena dak kollu li kont bnejt bl-għaraq ta' xbini, rajtu nieżel kollu. Kien hemm persuni li ħassejt li għamluli l-ħsara u kien difficli naħfrilhom. Ma stajtx naċċetta s-sitwazzjoni u bdejt infittex dak kollu li seta' jeħlisni minn din id-dinja ta' mrar.

Kien hemm ħabib tiegħi li stedinni biex immur *healing service*. Għalkemm kont 'il bogħod mis-Sagramenti għal tul ta' żmien u aktar u aktar ma kontx nemmen f'dawn il-laqgħat, aċċettajt li mmur. Kien qed imexxi l-laqgħa Edward Spiteri. Nistqarr li malli dħalt il-knisja dakinhar, il-Mulej beda jaħdem miegħi bis-sħiħ. Bdejt inħoss id-dmugħ iġelben ma' ħaddejja u ma kellix kontroll fuqu. Waqt il-laqgħa Edward ġie fuqi u beda jitlob. Wara ftit kellimni f'widnejja u qalli: "Aħfer, aħfer f'isem Ġesù Kristu!" U telaq. Aċċettajt dawn il-kelmiet u tlabt dak il-ħin biex Alla jagħtini l-kuraġġ li naħfer għax għalija kien wisq diffiċli dak iż-żmien.

Erġajt bdejt immur il-quddies, inqerr u nitqarben, direzzjoni spiritwali. Bdejt nattendi laqgħat, nisma' programmi u naqra l-kotba u minkejja li l-problemi li kelli baqgħu hemm, kont ferħan ħafna u kelli paċi kbira.

Waqt it-talb personali dejjem kont nitlob biex Hu jurini x'għandi nagħmel. Wara sentejn, darba f'ħolma persuna stednitni biex nitlob lil Santa Klara, liema qaddisa jien ma kontx naf biha, biex tinterċedi għalija. Hekk għamilt! U permezz tat-talb u tad-Direttur Spiritwali ħassejt lill-Mulej isejjaħli biex ningħata lilu imma ma kontx naf kif u fejn għandi mmur.

Darba, waqt laqgħa ta' talb fil-komunità, sar talb għalija personali biex tissaħħaħ fija l-vokazzjoni. Saċerdot Salesjan wara l-laqgħa qalli li ma setax ma jgħidlix li rani liebes il-libsa Kapuċċina. Fraħt meta qalli, u wara kkuntatjajt lid-Direttur tal-Vokazzjonijiet Kapuċċini u bdejt nattendi l-laqgħat. Wara li kemm huma u kemm jien flimkien mad-Direttur Spiritwali għamilna żmien ta' dixxerniment, ġejt accettat bħala postulant flimkien ma sieħbi Anthony fis-6 ta' Novembru 2001.

Hemm ħafna aktar x'nikteb dwar x'għamel Alla fil-każ tiegħi. Kuraġġ ħabib/a għax bħalma għamel miegħi, hekk jagħmel miegħek ukoll. Agħtih ċans jaħdem f'ħajtek! Illum nistqarr b'wiċċi minn quddiem li fejn dak li kelli qabel għandi ħafna iżjed. Minkejja li jkolli nneħħi kollox, bħal post, xogħol, flus u karozza (Mark 10: 17-31) kuntent li qed inservi lil Alla bħala Franġiskan Kapuċċin u nirringrazzjah tal-grazzja vokazzjonali li tani. ❑



# F'isem il-Bord Editorjali ta' DAWL FRANĠISKAN nawgurawlek l-isbaħ xewqat għal SENA ĠDIDA mimlija b'kull PAĊI U ĠID fil-Mulej.



## Rigal sabiħ li tista' tagħmel lil ħutna l-Insara Kenjani għal din is-sena hija BORŻA TA' STUDJU

BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil**
**Fr. Joe Alessandro, Uffiċċju Missjoni**
**Kapuċċini, Floriana**
**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525**